IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.10.2011
KUMM(2011) 651 finali

2011/0295 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SEG(2011) 1217 finali}
{SEG(2011) 1218 finali}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Adottata kmieni fl-2003, id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD) 2003/6/KE[1] introduċiet qafas komprensiv biex tiġġieled l-abbuż minn informazzjoni privileġġata ("insider dealing") u l-prattiki ta' manipulazzjoni tas-suq, flimkien imsejħa "abbuż tas-suq". Id-Direttiva timmira li żżid il-fiduċja tal-investituri u l-integrità tas-suq billi tipprojbixxi lil dawk li jkollhom informazzjoni privileġġata (jew "minn ġewwa") milli jkunu involuti fin-negozjar fi strumenti finanzjarji relatati, u billi tipprojbixxi l-manipulazzjoni tas-swieq permezz ta' prattiki bħat-tixrid ta' informazzjoni falza jew għajdut u t-twettiq ta' negozjar li jiżgura prezzijiet fuq livelli anormali.

L-importanza tal-integrità tas-suq ġiet enfasizzata mill-kriżi ekonomika u finanzjarja globali attwali. F'dan il-kuntest, il-Grupp tal-Għoxrin (G20) qabel li jsaħħaħ is-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja u jibni qafas ta' standards għolja miftiehma internazzjonalment. B'konformità mas-sejbiet tal-G20, ir-rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE rrakkomanda li "qafas prudenzjali sod u twettiq tan-negozju għas-settur finanzjarju għandu jkun ibbażat fuq sistemi sodi ta' sorveljanza u l-penalizzazzjoni"[2].

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "L-iżgurar ta' swieq tad-derivati effiċjenti, sikuri u sodi: Azzjonijiet futuri ta' politika", il-Kummissjoni impenjat ruħha li testendi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-MAD sabiex tkopri s-swieq tad-derivati b'mod komprensiv.[3]. L-importanza ta' kopertura effiċjenti ta' tranżazzjonijiet over-the-counter (OTC) fid-derivati ġiet enfasizzata ukoll fid-diskussjonijiet f'diversi fora internazzjonali inklużi l-G20 u l-IOSCO, kif ukoll fil-programm riċenti ta' Riforma Regolatorja Finanzjarja tal-US Treasury.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa titlob lill-Unjoni u lill-Istati Membri jfasslu regoli skont il-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" billi jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jadattaw il-leġiżlazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fuq swieq ta' tkabbir tal-SMEs, u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament ta' dawk l-emittenti[4]. Reviżjoni tas-setgħat eżistenti tas-sanzjonar u l-applikazzjoni prattika tagħhom bil-għan li tiġi promossa l-konverġenza tas-sanzjonijiet tul firxa ta' attivitajiet ta' sorveljanza twettqet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji[5].

Il-Kummissjoni Ewropea evalwat l-applikazzjoni tal-MAD u identifikat għadd ta' problemi li għandhom impatti negattivi f'termini ta' integrità tas-suq u protezzjoni tal-investituri, iwasslu għal kundizzjonijiet mhux ekwi u jirriżultaw fi spejjeż ta'

---

1 ĠU L 16, 12.4.2003, p. 16.

2 Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE, Brussell, 25.2.2009, p. 23.

3 Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar l-iżgurar ta' swieq tad-derivati effiċjenti, sikuri u sodi, COM (2009) 332, it-3 ta' Lulju 2009.

4 Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar Reviżjoni tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa, COM (2011) 78, it-23 ta' Frar 2011.

5 Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji, COM (2010) 716, it-8 ta' Diċembru 2010.

konformità u diżinċentivi għall-emittenti, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs, sabiex iżidu l-kapital.

Bħala riżultat ta' żviluppi regolatorji, tas-swieq u teknoloġiċi, irriżultaw lakuni fir-regolamentazzjoni ta' swieq ġodda, pjattaformi u strumenti OTC. Bl-istess mod, dawn l-istess fatturi wasslu għal lakuni fir-regolamentazzjoni ta' komoditajiet u derivati relatati. Il-fatt li r-regolaturi m'għandhomx ċerta informazzjoni u setgħat, u li s-sanzjonijiet għandhom xi nuqqasijiet jew mhumiex dissważivi biżżejjed, ifisser li r-regolaturi ma jistgħux jinfurzaw id-Direttiva b'mod effettiv. Fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' bosta għażliet u diskrezzjonijiet fid-MAD, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza dwar ċerti kunċetti fundamentali, ifixklu l-effettività tad-Direttiva.

Fid-dawl ta' dawn il-problemi, din l-inizjattiva timmira li żżid l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur, filwaqt li tiżgura sett ta' regoli wieħed u kundizzjonijiet ekwi, u li tiżdied l-attrattività tas-swieq tat-titoli għaż-żieda tal-kapital.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-inizjattiva hija r-riżultat ta' konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet interessati ewlenin kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi (gvernijiet u r-regolaturi ta' titoli), emittenti, intermedjarji u investituri.

Tieħu inkunsiderazzjoni r-rapporti ppubblikati mill-Kumitat ta' Regolaturi tat-Titoli Ewropej (KRTE) dwar in-natura u l-estensjoni tas-setgħat ta' sorveljanza tal-Istati Membri taħt id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq[6] u dwar l-għażliet u d-diskrezzjonijiet tar-reġim tad-MAD użati mill-Istati Membri[7].

Tqis ukoll rapport mill-Grupp Espert tas-Swieq Ewropej tat-Titoli (ESME)[8] li jevalwa l-effettività tad-MAD fil-kisba tal-miri ewlenin tagħha, jidentifika ċerti nuqqasijiet u problemi u jistabbilixxi suġġerimenti għal titjib[9].

Fit-12 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea organizzat konferenza pubblika dwar ir-reviżjoni tar-reġim dwar l-abbuż tas-suq. Fl-20 ta' April 2009, il-Kummissjoni Ewropea nediet sejħa għal evidenza dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq. Is-servizzi tal-Kummissjoni rċevew 85 kontribuzzjoni. Il-kontribuzzjonijiet mhux kunfidenzjali jistgħu jiġu kkonsultati fuq il-websajt tal-Kummissjoni[10].

---

6 Ref. CESR/07-380, Ġunju 2007, disponibbli f'www.cesr-eu.org.

7 Ref. CESR/09-1120.

8 L-AETS hija korp konsultattiv tal-Kummissjoni, magħmula minn prattikanti u esperti tas-swieq tat-titoli, li l-mandat tagħhom skada fi tmiem l-2009 u ma ġiex imġedded. Ġiet stabbilita mill-Kummissjoni f'April 2006 u ħadmet fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/288/KE tat-30 ta' Marzu 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Esperti dwar is-Swieq tat-Titoli Ewropej biex jipprovdi konsulenza legali u ekonomika dwar l-applikazzjoni tad-Direttivi dwar it-Titoli tal-UE (ĠU L 338M, 17.12.2008, p. 324-329 (MT)).

9 Inħareġ f'Ġunju 2007, intitolat "qafas legali tal-UE dwar l-abbuż tas-suq u l-implimentazzjoni tiegħu mill-Istati Membri: l-ewwel evalwazzjoni".

10 Ara http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2009/market_abuse_en.htm.

Fit-28 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva, li għalqet fit-23 ta' Lulju 2010[11]. Is-servizzi tal-Kummissjoni rċevew 96 kontribuzzjoni. Il-kontribuzzjonijiet mhux kunfidenzjali jistgħu jiġu kkonsultati fuq il-websajt tal-Kummissjoni[12]. Hemm sommarju mehmuż mal-Anness 2 għar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt[13]. Fit-2 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni organizzat konferenza pubblika oħra dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva[14].

B'konformità mal-politika tagħha "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi tal-politika. L-għażliet politiċi kienu relatati ma' swieq ġodda, pjattaformi u strumenti OTC, komoditajiet u derivati relatati, sanzjonijiet, setgħat ta' awtoritajiet kompetenti, kjarifika tal-kunċetti ewlenin u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Kull għażla politika ġiet evalwata skont il-kriterji li ġejjin: l-impatt fuq il-partijiet interessati, l-effettività u l-effiċjenza. L-impatt ġenerali tal-għażliet tal-politika ppreferuti se jwassal għal titjib konsiderevoli fl-indirizzar tal-abbuż tas-suq fl-UE.

L-ewwel nett, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur se jitjiebu billi jiġi ċċarat liema strumenti finanzjarji u swieq huma koperti, u jiġi żgurat li jkunu koperti l-istrumenti ammessi għal faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTF) u tipi ġodda oħra ta' faċilitajiet organizzati ta' negozjar (OTFs) biss. Barra minn hekk, l-għażliet ippreferuti se jtejbu l-protezzjoni kontra l-abbuż tas-suq b'derivati ta' komoditajiet permezz ta' trasparenza mtejba tas-suq.

Dawn se jiżguraw lokalizzazzjoni aħjar tal-abbuż tas-suq billi joffru s-setgħat meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-investigazzjonijiet u jtejbu l-iskoraġġiment ta' reġimi tas-sanzjonar billi jintroduċu prinċipji minimi għal miżuri amministrattivi jew sanzjonijiet. Il-proposta għal Direttiva [XX] teħtieġ ukoll l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.

Barra minn hekk, l-għażliet ippreferuti se jwasslu għal approċċ aktar koerenti dwar abbuż tas-suq billi jnaqqsu l-għażliet u d-diskrezzjonijiet għall-Istati Membri, u se jintroduċu reġim proporzjonat għall-emittenti, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs.

B'mod ġenerali, l-għażliet politiċi ppreferuti huma mistennija li jikkontribwixxu għall-integrità mtejba tas-swieq finanzjarji li se jkollu impatt pożittiv fuq il-fiduċja tal-investituri, u dan se jikkontribwixxi aktar għall-istabbiltà finanzjarja tas-swieq finanzjarji.

Is-servizzi tad-DĠ MARKT iltaqgħu mal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt fit-23 ta' Frar 2011. Il-Bord analizza din il-Valutazzjoni tal-Impatt u ppreżenta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Frar 2011. Matul din il-laqgħa l-membri tal-Bord ipprovdew kummenti lis-servizzi tad-DĠ MARKT sabiex itejbu l-kontenut tal-Valutazzjoni tal-Impatt, li wasslu għal xi modifiki fit-test. Dawn huma:

---

11 Ara http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/docs/2010/mad/consultation_paper.pdf.
12 Ara http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2010/mad_en.htm.
13 Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt jista' jinstab f'XXX.
14 Ara l-Anness 3 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għal sommarju tad-diskussjonijiet.

– Kjarifika ta' kif il-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti ġiet evalwata u kif ir-riżultati tal-evalwazzjoni infurmaw l-analiżi tal-problema;

– Iż-żieda ta' stimi bbażati fuq evidenza tal-ħsara ġenerali lill-ekonomija Ewropea bħala konsegwenza ta' prattiki abbużivi fis-swieq ikkunsidrati, u ta' benefiċċji globali stmati tal-għażliet politiċi ppreferut, bit-twissijiet meħtieġa rigward l-interpretazzjoni ta' dawn l-istimi;

– Kjarifika fix-xenarju bażi ta' kif regolamenti finanzjarji relatati oħra jikkumplimentaw id-Direttiva dwar l-Abbuż fis-Suq;

– Kjarifika tal-kontenut ta' ċerti għażliet politiċi u preżentazzjoni aħjar tal-pakketti tal-għażliet ippreferuti, kif ukoll valutazzjoni tal-impatti ġenerali tal-pakketti tal-għażliet ippreferuti, filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji jew il-kompromessi bejn għażliet differenti jekk ikun applikabbli;

– Analiżi aktar proporzjonata tal-miżuri li jiswew aktar fil-valutazzjoni tal-piżijiet u l-ispejjeż amministrattivi;

– Iż-żieda fit-test ewlieni ta' sommarji konċiżi aktar viżibbli b'mod ċar tal-valutazzjoni tal-impatti ta' għażliet politiċi f'termini ta' drittijiet fundamentali, speċjalment fl-oqsma ta' setgħat investigattivi u sanzjonijiet;

– Ġustifikazzjoni mtejba ta' għaliex l-approssimazzjoni tal-liġi kriminali hija essenzjali għal politika effettiva tal-UE dwar l-abbuż tas-suq, ibbażata fuq studji u evidenza mill-Istati Membri dwar l-effettività tas-sanzjonijiet kriminali, kif ukoll sommarju tar-reazzjonijiet għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji; u

– Preżentazzjoni aktar ċara fit-test prinċipali tal-fehmiet tal-partijiet interessati, inklużi l-investituri istituzzjonali u individwali, dwar l-għażliet politiċi.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE bħala l-iktar bażi xierqa għal Regolament f'dan il-qasam. Regolament huwa meqjus bħala l-aktar strument legali xieraq biex jiddefinixxi l-qafas tal-abbuż tas-suq fl-Unjoni. L-applikabbiltà diretta ta' Regolament se tnaqqas il-kumplessità regolatorja u toffri ċertezza legali akbar għal dawk suġġetti għal-leġislazzjoni madwar l-Unjoni permezz tal-introduzzjoni ta' sett armonizzat ta' regoli ewlenin u l-kontribuzzjoni għall-funzjonament tas-Suq Uniku.

### 3.2. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5(3) tat-TFUE), għandha tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni biss meta l-għanijiet previsti ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jistgħu jinkisbu aħjar mill-Unjoni. Minkejja li l-problemi kollha msemmija hawn fuq għandhom implikazzjonijiet importanti għal kull Stat

Membru individwali, l-impatt globali tagħhom jista' jkun perċepit kompletament biss f'kuntest transkonfinali. Dan huwa minħabba li l-abbuż tas-suq jista' jitwettaq kull fejn dak l-istrument ikun elenkat, jew OTC, u għalhekk anke fi swieq apparti s-suq primarju tal-istrument ikkonċernat. Għalhekk hemm riskju reali li r-reazzjonijiet nazzjonali għall-abbuż tas-suq ikunu evitati jew mhux effettivi fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Barra minn hekk, approċċ konsistenti huwa essenzjali sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju u peress li din il-kwistjoni diġà hija koperta mill-acquis tal-MAD eżistenti, l-indirizzar tal-problemi enfasizzati hawn fuq jista' jinkiseb l-aħjar bi sforz komuni. F'dan l-isfond, l-azzjoni tal-Unjoni tidher xierqa f'termini tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità jeħtieġ li kull intervent ikun fil-mira, u ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet. Dan il-prinċipju mexxa l-proċess mill-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-għażliet politiċi alternattivi sal-abbozzar ta' din il-proposta.

## 3.3. Il-konformità mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE

Fit-23 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni adottat proposti għal Regolamenti li jistabbilixxu l-ABE, l-AEAPX, u l-AETS[15]. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar id-Dikjarazzjonijiet rigward l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE li għamlet fl-adozzjoni tar-Regolamenti li jistabbilixxu l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, li skonthom: "Fir-rigward tal-proċess għall-adozzjoni ta' standards regolatorji, il-Kummissjoni tenfasizza n-natura unika tas-settur tas-servizzi finanzjarji, li jkompli mal-istruttura Lamfalussy u li kien speċifikament rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni 39 għat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni għandha dubji serji jekk ir-restrizzjonijiet fuq ir-rwol tagħha meta tadotta atti delegati u provvedimenti ta' implimentazzjoni humiex skont l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE."

## 3.4. Spjegazzjoni fid-dettall tal-proposta

### *3.4.1. Kapitolu I (Dispożizzjonijiet ġenerali)*

3.4.1.1. Ir-regolamentazzjoni ta' swieq ġodda, faċilitajiet ta' negozjar u strumenti finanzjarji OTC

Il-MAD hija bbażata fuq il-kunċett ta' projbizzjoni tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata jew il-manipulazzjoni tas-suq fl-istrumenti finanzjarji li huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat. Madankollu, mill-adozzjoni tal-MiFID[16], strumenti finanzjarji kienu dejjem aktar nnegozjati fuq l-MTFs, fuq tipi oħra ta' OTFs, bħal faċilitajiet ta' eżekuzzjoni ta' tpartit jew sistemi ta' broker crossing, jew ġew negozjati biss OTC. Dawn il-postijiet u faċilitajiet kummerċjali ġodda pprovdew aktar kompetizzjoni fis-suq regolat eżistenti, biex b'hekk inkiseb sehem akbar ta' likwidità u nġibdet firxa usa' ta' investituri. Iż-żieda fil-kummerċ bejn postijiet differenti kienet għamlitha aktar diffiċli biex jiġi ssorveljat abbuż possibbli tas-suq.

---

15 COM(2009) 501, COM(2009) 502, COM(2009) 503.

16 Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji. ĠU L 145, 30.4.2004.

Għalhekk ir-Regolament jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas kontra l-abbuż tas-suq biex ikopri kull strument finanzjarju ammess għan-negozjar MTF jew OTF, kif ukoll kwalunkwe strumenti finanzjarji relatati nnegozjati OTC li jista' jkollhom effett fuq is-suq sottostanti kopert. Dan huwa meħtieġ biex jiġi evitat kwalunkwe arbitraġġ regolatorju bejn postijiet kummerċjali, sabiex jiġi żgurat li l-protezzjoni tal-investituri u l-integrità tas-swieq ikunu ippreservati b'kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha, u biex jiġi żgurat li l-manipulazzjoni tas-suq ta' strumenti finanzjarji bħal dawn permezz ta' derivati nnegozjati OTC, bħal CDs, tiġi pprojbita b'mod ċar.

3.4.1.2. Ir-Regolamentazzjoni tal-derivati tal-komoditajiet u l-kuntratti spot relatati tal-komoditajiet

Is-swieq spot u s-swieq tad-derivati relatati huma interkonnessi ħafna, u jista' jsir abbuż tas-suq bejn dawn is-swieq. Dan iqajjem tħassib speċjali għas-swieq spot peress li r-regoli eżistenti dwar it-trasparenza u l-integrità tas-suq japplikaw biss għas-swieq finanzjarji u tad-derivati, u mhux għas-swieq spot relatati. L-għan tar-Regolament mhuwiex li jirregola direttament dawk is-swieq spot. Fil-fatt, kwalunkwe tranżazzjoni jew imġiba strettament fi ħdan dawk is-swieq mhux finanzjarji għandu jkun barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jkun suġġett għal regolamentazzjoni u sorveljanza speċifiċi u settorjali kif previst għall-qasam tal-enerġija fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija (REMIT)[17]. Madankollu, ir-Regolament għandu jkopri l-operazzjonijiet jew imġiba f'dawk is-swieq spot li huma relatati u jkollhom effett fuq is-swieq finanzjarji u tad-derivati li huma fl-ambitu tiegħu. B'mod partikolari, taħt il-MAD attwali n-nuqqas ta' definizzjoni u vinkolanti ta' informazzjoni privileġġata relatata mas-swieq tad-derivati tal-komoditajiet jista' jippermetti assimetriji b'konnessjoni ma' dawk is-swieq spot relatati. Dan ifisser li, skont il-qafas attwali tal-abbuż tas-suq, l-investituri fid-derivati tal-komoditajiet jistgħu jkunu inqas protetti minn investituri fid-derivattivi ta' swieq finanzjarji peress li persuna tista' tibbenefika minn informazzjoni privileġġata f'suq spot billi tinnegozja f'suq relatat ta' derivati. Għal din ir-raġuni, id-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata fir-rigward ta' derivati tal-komoditajiet għandha tiġi allinjata mad-definizzjoni ġenerali ta' informazzjoni privileġġata u tiġi estiża għal informazzjoni sensittiva għall-prezzijiet li hija rilevanti għall-kuntratt relatat tal-komodità spot kif ukoll għad-derivat innifsu. Dan għandu jiżgura ċertezza legali u informazzjoni aħjar għall-investituri. Barra minn hekk, il-MAD tipprojbixxi biss kwalunkwe manipulazzjoni li tgħawweġ il-prezz tal-istrumenti finanzjarji. Peress li ċerti tranżazzjonijiet fis-swieq tad-derivati jistgħu jintużaw ukoll biex jimmanipulaw il-prezzijiet tas-swieq spot relatati, u tranżazzjonijiet fis-swieq spot lokali jistgħu jintużaw biex jimmanipulaw is-swieq tad-derivati, id-definizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq għandha tiġi estiża fir-Regolament biex tinkludi wkoll dawn it-tipi ta' manipulazzjoni bejn is-swieq. Fil-każ speċifiku ta' prodotti tal-enerġija tal-operaturi, l-awtoritajiet kompetenti u l-AETS għandhom jikkooperaw mal-ACER u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri biex jiżguraw li jittieħed approċċ koordinat għall-infurzar tar-regoli relevanti relatati ma' strumenti finanzjarji u prodotti tal-enerġija tal-operaturi. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tad-definizzjonijiet tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-

17 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0726:FIN:MT:PDF.

Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi] meta japplikaw id-definizzjonijiet ta' informazzjoni privileġġata (minn ġewwa), l-abbuż ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq ta' dan ir-Regolament għal strumenti finanzjarji relatati ma' prodotti tal-enerġija tal-operaturi.

3.4.1.3. Il-manipulazzjoni tas-suq permezz ta' negozjar algoritmiku u ta' frekwenza għolja

Is-swieq finanzjarji qed jesperjenzaw żieda mifruxa fl-użu ta' metodi kummerċjali awtomatizzati bħal negozjar algoritmiku jew negozjar ta' frekwenza għolja. Negozjar bħal dan jinvolvi algoritmi tal-kompjuter li jiddeċiedu jekk tkunx ġiet magħmula ordni u/jew dwar aspetti tal-eżekuzzjoni tal-ordni. Tip speċifiku ta' negozjar algoritmiku huwa magħruf bħala negozjar ta' frekwenza għolja (HFT). L-HFT tipikament mhuwiex strateġija fih innifsu, iżda l-użu ta' teknoloġija sofistikata ħafna biex jiġu implimentati strateġiji tradizzjonali tan-negozjar bħal strateġiji ta' arbitraġġ u ta' ġenerazzjoni tas-suq. Filwaqt li ħafna mill-istrateġiji algoritmiċi u ta' HFT huma leġittimi, jeżistu strateġiji awtomatizzati partikolari li ġew identifikati mir-regolaturi li, jekk jitwettqu, x'aktarx jikkostitwixxu abbuż tas-suq. Dan jinkludi, pereżempju, strateġiji bħall-"quote stuffing", "layering" u "spoofing". Id-definizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq fil-MAD hija wiesgħa ħafna u diġà kapaċi tapplika għall-imġiba abbużiva indipendentement minn liema mezz ikun użat għan-negozjar. Madankollu, huwa xieraq li fir-Regolament jiġu speċifikati aħjar eżempji speċifiċi ta' strateġiji li jużaw negozjar algoritmiku u negozjar ta' frekwenza għolja li jaqgħu taħt il-projbizzjoni kontra l-manipulazzjoni tas-suq. Aktar identifikazzjoni tal-istrateġiji abbużivi se tiżgura approċċ konsistenti fil-monitoraġġ u l-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti.

3.4.1.4. Tentattiv ta' manipulazzjoni tas-suq

Peress li l-MAD ma tkoprix tentattivi ta' manipulazzjoni tas-suq, il-prova ta' manipulazzjoni tas-suq teħtieġ li regolatur juri li saret ordni jew inkella li ġiet eżegwita tranżazzjoni. Madankollu, hemm sitwazzjonijiet fejn persuna tieħu passi u hemm prova ċara ta' intenzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq iżda ma titqiegħedx l-ordni jew it-tranżazzjoni ma tiġix eżegwita. Ir-Regolament jipprojbixxi espressament it-tentattivi ta' manipulazzjoni tas-suq, u dan se jsaħħaħ l-integrità tas-suq. Id-definizzjoni eżistenti ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata diġà fiha elementi ta' tentattiv ta' mġiba. Dawn se jitneħħew u t-tentattiv ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata se jiġi kkwalifikat bħala reat separat.

3.4.1.5. Kwoti ta' emissjonijiet

Il-kwoti ta' emissjonijiet se jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala strumenti finanzjarji bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji. Bħala riżultat, dawn se jkunu jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas tal-abbuż tas-suq. Filwaqt li ħafna mill-miżuri taħt ir-reġim tal-abbuż tas-suq japplikaw mingħajr adattament għall-kwoti ta' emissjonijiet, ftit dispożizzjonijiet jeħtieġ li jiġu aġġustati fil-kunsiderazzjoni tan-natura speċifika ta' dawn l-istrumenti u l-karatteristiċi strutturali ta' dan is-suq. B'mod partikolari, b'differenza minn ħafna mill-klassijiet ta' strumenti finanzjarji, l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata kif ukoll dmirijiet relatati ma' listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata u tranżazzjonijiet maniġerjali ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv lill-emittent ta' kwoti ta' emissjoni li jkun responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-

politiki tal-klima tal-Unjoni. L-awtoritajiet pubbliċi responsabbli (inkluża l-Kummissjoni) xorta huma obbligati li jiżguraw żvelar ġust u mhux diskriminatorju u aċċess għal deċiżjonijiet, żviluppi u dejta ġodda. Barra minn hekk, fl-insegwiment tagħhom tal-politika tal-klima tal-Unjoni, l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll korpi oħra uffiċjalment nominat m'għandhomx ikunu limitati minħabba d-dmiritijiet stabbiliti fir-reġim tal-abbuż tas-suq.

Għalhekk, qed tiġi introdotta definizzjoni speċifika ta' informazzjoni privileġġata għall-kwoti ta' emissjonijiet. L-obbligu li tiġi żvelata informazzjoni privileġġata se jitqiegħed fuq il-parteċipanti fis-suq tal-kwoti ta' emissjonijiet, peress li huma dawn li jżommu l-informazzjoni rilevanti adattata għal żvelar ad-hoc jew perjodiku. Limitu (spjegat f'termini ta' emissjonijiet jew input termiku jew taħlita ta' dawn it-tnejn) definit f'att delegat ineħħi mill-ambitu tal-obbligu taħt l-Artikolu 12 (kif ukoll l-Artikoli 13 u 14) dawk l-entitajiet kollha, li l-attività tagħhom fuq bażi individwali ma jista' jkollha ebda impatt materjali fuq il-formazzjoni tal-prezz tal-kwoti ta' emissjonijiet jew ir-riskji (konsegwenzjali) ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata.

Fl-aħħar nett, peress li l-kwoti ta' emissjonijiet huma kklassifikati bħala strumenti finanzjarji skont id-MiFID, huwa possibbli li l-miżuri kollha tal-abbuż tas-suq li jikkonċernaw l-irkant tal-kwoti ta' emissjonijiet jitqiegħdu fi ktieb ta' regoli wieħed u flimkien mar-reġim ġenerali kontra l-abbuż tas-suq għas-suq sekondarju.

*3.4.2. Kapitolu II (L-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq)*

3.4.2.1. L-informazzjoni "minn ġewwa" jew privileġġata

L-informazzjoni privileġġata jista' jsir abbuż minnha qabel ma emittent ikun obbligat li jikxifha. Il-qagħda ta' negozjati ta' kuntratti, it-termini miftiehma proviżjonalment fin-negozjati ta' kuntratti, il-possibbiltà tal-pożizzjonament ta' strumenti finanzjarji, il-kundizzjonijiet li skonthom strumenti finanzjarji jistgħu jiġi kkummerċjalizzati, jew it-termini proviżjonali għall-pożizzjonijiet ta' strumenti finanzjarji, jistgħu jkunu informazzjoni relevanti għall-investituri. Għaldaqstant, tali informazzjoni għanda tikkwalifika bħala informazzjoni privileġġata. Madankollu, tali informazzjoni jista' jkun li ma tkunx preċiża biżżejjed biex l-emittent ikollu l-obbligu li jikxifha. F'tali każijiet, għandha tapplika l-projbizzjoni tan-negozjar b'informazzjoni privileġġata, iżda ma għandux japplika l-obbligu li l-emittent jikxef l-informazzjoni.

3.4.2.2. Kundizzjonijiet ekwi fost postijiet u faċilitajiet tan-negozjar fil-prevenzjoni u fl-identifikazzjoni tal-abbuż tas-suq

In-negozjar li dejjem jiżdied ta' strumenti bejn postijiet differenti jagħmilha aktar diffiċli li jiġi ssorveljat l-abbuż possibbli tas-suq. Skont il-MiFID, l-MTFs jistgħu jitħaddmu minn operaturi tas-suq jew ditti ta' investiment. L-obbligi ta' monitoraġġ fl-Artikolu 26 tal-MiFID japplikaw għalihom bl-istess mod. Madankollu, l-obbligu fl-Artikolu 6 tal-MAD li jiġu adottati dispożizzjonijiet strutturali mmirati lejn il-prevenzjoni u l-kxif ta' prattiki ta' manipulazzjoni tas-suq japplika biss għall-operaturi tas-suq. Ir-Regolament jimmira li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-postijiet u l-faċilitajiet kollha tan-negozjar fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu billi jeħtieġ li dawn jadottaw id-dispożizzjonijiet strutturali meħtieġa għall-prevenzjoni u l-kxif ta' prattiki ta' manipulazzjoni tas-suq.

### *3.4.3. Kapitolu III (Rekwiżiti ta' Żvelar)*

3.4.3.1. Żvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata

L-Artikolu 6(1) tal-MAD jeħtieġ li dawk li joħorġu strumenti finanzjarji jinfurmaw lill-pubbliku malli possibbli b'informazzjoni privileġġata li tikkonċerna direttament dawk li joħorġuhom. Il-Paragrafu 2 jippermetti lil min joħroġ l-informazzjoni taħt kundizzjonijiet speċifiċi biex jittardja l-iżvelar pubbliku. Skont ir-Regolament, dawk li joħorġu l-informazzjoni se jkunu meħtieġa li jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti bid-deċiżjoni tagħhom li jittardjaw l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata mingħajr dewmien wara li jsir dan l-iżvelar. Ir-responsabbiltà biex jevalwa jekk dak id-dewmien huwiex ġustifikat tibqa' f'idejn l-emittent. Il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti fejn xieraq biex jinvestigaw ex post jekk fil-fatt il-kundizzjonijiet speċifiċi għad-dewmien ġewx milħuqa se żżid il-protezzjoni tal-investituri u tal-integrità tas-suq. Madankollu, jekk l-informazzjoni privileġġata jkollha importanza sistemika u jkun fl-interess pubbliku li l-pubblikazzjoni tagħha tiġi ttardjata, l-awtoritajiet kompetenti se jkollhom is-setgħa li jippermettu dan id-dewmien għal perjodu limitat fl-interess pubbliku usa' li tinżamm l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u l-evitar tat-telf li jista' jirriżulta pereżempju mill-nuqqas ta' emittent sistemikament importanti. Listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata

Il-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata huma għodda importanti għall-awtoritajiet kompetenti meta jinvestigaw abbuż possibbli tas-suq. Ir-Regolament jimmira li jelimina d-differenzi nazzjonali li sa issa imponew piżijiet amministrattivi bla bżonn fuq l-emittenti, billi jipprovdi li d-dejta preċiża li għandha tiġi inkluża fil-listi għandha tiġi definiti fl-atti delegati u jimplimenta standards tekniċi adottati mill-Kummissjoni.

3.4.3.2. Rekwiżiti ta' żvelar għal emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs.

Bla ħsara għall-għanijiet tal-preservazzjoni tal-integrità u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji u tal-protezzjoni tal-investituri, il-qafas tal-abbuż tas-suq huwa adattat skont il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet tal-emittenti, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs. L-applikazzjoni tal-qafas ġdid tal-abbuż tas-suq tar-Regolament b'mod mhux iddifferenzjat għas-swieq kollha ta' tkabbir tal-SMEs tista' tiddisswadi lill-emittenti f'dawk is-swieq milli jżidu l-kapital fis-swieq kapitali. L-ambitu u d-daqs tan-negozju ta' dawk l-emittenti huma aktar ristretti u l-avvenimenti li jwasslu għall-ħtieġa li tiġi żvelata informazzjoni privileġġata huma tipikament aktar limitati minn dawk ta' emittenti akbar. Ir-Regolament jeħtieġ li dawk l-emittenti jinżvelaw informazzjoni privileġġata b'mod modifikata u simplifikat speċifiku għas-suq. Informazzjoni privileġġata bħal din tista' tiġi ppubblikata minn dawk is-swieq ta' tkabbir tal-SMEs, f'isem dawk l-emittenti, b'mod konformi ma' kontenut standardizzat u format definit fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni. Dawk l-emittenti huma eżenti wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, mill-obbligu li jżommu u jaġġornaw b'mod kostanti il-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, u jibbenefikaw mil-limitu l-ġdid għar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet maniġerjali msemmija hawn taħt.

3.4.3.3. Rappurtar tat-tranżazzjonijiet maniġerjali

Ir-Regolament jiċċara l-ambitu tal-obbligi ta' rappurtar rigward it-tranżazzjonijiet maniġerjali. Dawn ir-rapporti jservu skopijiet importanti billi jiskoraġġixxu lill-maniġers milli jwettqu negozjar b'informazzjoni privileġġata u jipprovdu informazzjoni utli għas-suq dwar il-fehma tal-maniġer dwar il-movimenti tal-prezzijiet tal-ishma tal-emittenti. Ir-Regolament jiċċara li kwalunkwe tranżazzjoni magħmula minn persuna li teżerċita diskrezzjoni f'isem maniġer ta' emittent jew fejn il-maniġer iwiegħed jew jislef l-ishma tiegħu għandha tiġi rrappurtata wkoll lill-awtoritajiet kompetenti u ssir aċċessibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, huwa jintroduċi limitu ta' EUR 20 000, uniformi fl-Istati Membri kollha, li jqajjem l-obbligu li jiġu rrappurtati tranżazzjonijiet maniġerjali bħal dawn.

*3.4.4. Kapitolu IV (l-AETS u l-Awtoritajiet Kompetenti)*

3.4.4.1. Is-setgħat tal-Awtoritajiet Kompetenti

Skont l-Artikolu 12(2)(b) tal-MAD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħa li jiddomandaw informazzjoni minn kwalunkwe persuna. Madankollu, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar swieq spot tal-komoditajiet, fejn m'hemmx regoli ta' trasparenza jew obbligi ta' rappurtar lil regolaturi settorjali, jekk applikabbli. Is-setgħa li tintalab informazzjoni minn kwalunkwe persuna tipikament tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex jinvestigaw suspetti ta' abbuż possibbli tas-suq. Iżda din l-informazzjoni tista' ma tkunx biżżejjed, b'mod partikolari jekk ma jkun hemm l-ebda awtorità settorjali biex tissorvelja dawn is-swieq spot tal-komoditajiet. Ir-Regolament jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti aċċess għal dejta kontinwa billi jeħtieġ li din id-dejta tintbagħat lilhom direttament b'format speċifiku. Billi jiksbu aċċess għal sistemi ta' negozjanti ta' swieq spot tal-komoditajiet, l-awtoritajiet kompetenti huma kapaċi wkoll li jissorveljaw flussi ta' dejta fil-ħin reali.

Għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' każijiet ta' negozjar b'informazzjoni privileġġata u ta' manipulazzjoni tas-suq, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw bini privat u li jikkonfiskaw dokumenti. L-aċċess għall-bini privat ikun partikularment meħtieġ fejn: (i) il-persuna li għaliha tkun diġà saret talba għal informazzjoni tonqos (għalkollox jew parzjalment) milli tikkonforma magħha; jew (ii) hemm raġunijiet ġustifikabbli biex wieħed jemmen li, kieku kellha ssir talba, ma tiġix milqugħa, jew id-dokumenti jew l-informazzjoni li t-talba tkun marbuta magħhom jitneħħew, jiġu mmanipulati jew jinqerdu. Filwaqt li l-ġuriżdizzjonijiet kollha llum jipprovdu għall-aċċess għal kwalunkwe dokument, mhux l-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom is-setgħa li jidħlu f'bini privat u jikkonfiskaw dokumenti. B'riżultat ta' dan, jeżisti r-riskju li l-awtoritajiet kompetenti, f'tali każijiet, jitneħħielhom l-aċċess għal provi importanti u neċessarji, u b'hekk, każijiet ta' negozjar b'informazzjoni privileġġata u ta' manipulazzjoni tas-suq x'aktarx jibqgħu ma jiġux identifikati, u wisq inqas sanzjonati. F'dan il-kuntest, ta' min wieħed jindika li tali aċċess għall-bini privat jaf jikkostitwixxi interferenza mal-jeddijiet fundamentali għall-ħajja privata u ta' familja, kif irrikonoxxuti bl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Huwa essenzjali li kwalunkwe limitazzjoni li tista' ssir ta' dawn id-drittijiet tkun kompatibbli għalkollox mal-Artikolu 52 tal-Karta. Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandu jkollha s-setgħa li tidħol f'bini privat biex tikkonfiska dokumenti biss wara li tkun

kisbet awtorizzazzjoni prevja mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat, skont il-liġi nazzjonali, u fejn ikun hemm suspett ġustifikabbli li dokumenti marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni jistgħu jkunu relevanti bħala provi ta' każ ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq, bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva [il-MAD ġdida]. Il-projbizzjonijiet tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata u tal-manipulazzjoni tas-suq japplikaw lil kulħadd, mingħajr eċċezzjoni ta' xejn. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti jrid ikollhom aċċess għall-informazzjoni miżmuma, mhux biss mill-kumpaniji ta' investiment, iżda mill-persuni nfushom, kif ukoll għall-informazzjoni dwar l-imġiba ta' dawk il-persuni, miżmuma f'bażijiet tad-dejta ta' kumpaniji mhux finanzjarji. Rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta minn kumpaniji tal-investiment li jwettqu tranżazzjonijiet, u rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta minn operaturi tat-telekomunikazzjoni, jikkostitwixxu evidenza importanti biex tiġi identifikata u pprovata l-eżistenza ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u ta' manipulazzjoni tas-suq. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta jistgħu jistabbilixxu l-identità ta' persuni responsabbli għat-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. Il-biċċa l-kbira mill-forom ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq jinvolvu l-azzjonijet ta' tnejn min-nies jew aktar, li jittrasferixxu l-informazzjoni jew jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta jistgħu jagħtu provi stabbiliti li teżisti relazzjoni bejn il-persuni li għandha aċċess għall-informazzjoni privileġġata u bejn l-attività sospettuża ta' negozjar ta' persuna oħra, jew provi stabbiliti ta' rabta bejn l-attivitajiet kollużivi ta' negozjar bejn ġiex persuni. B'mod partikulati, l-aċċess għar-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni jitqies bħala wieħed mill-aktar kwistjonijiet importanti għat-twettiq tal-kompiti investigattivi u ta' infurzar tal-membri tas-CESR[18]. M'hemmx xi ngħidu, l-aċċess għar-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta miżmuma mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni hija biċċa evidenza importanti, u kultant anki l-unika biċċa evidenza, li tista' tistabbilixxi jekk tkunx ġiet mgħoddija informazzjoni privileġġata minn informatur wieħed għal xi ħadd li jkun qed jikkummerċja biha. Pereżempju, din id-dejta tkun tirrappreżenta prova importanti f'każ fejn membru tal-bord ta' kumpanija li jkollu l-pussess ta' informazzjoni privileġġata jittrasferixxi bit-telefown l-informazzjoni privileġġata lil xi ħabib, qarib, jew membru ta' familtu, li mbagħad min-naħa tiegħu jwettaq tranżazzjoni suspettuża bbażata fuq l-informazzjoni privileġġata li jkun irċieva. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni jistgħu jintużaw mir-regolatur biex juri li kienet saret ċempila mill-informatur primarju lill-ħabib jew qarib tiegħu ftit qabel ma dik il-persuna tkun ċemplet lis-sensar tagħha biex tagħtih struzzjonijiet biex jagħmel tranżazzjoni suspettuża. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta mill-operaturi tat-telekommunikazzjoni jipprovdu evidenza ta' rabta, li tista' tintuża bħala prova sabiex il-każ jiġi sanzjonat, minflok ma lanqas biss jiġi identifikat. Eżempju ieħor ikun każ fejn jintefa' messaġġ falz jew qarrieqi fuq tabellina tal-internet, sabiex jinfluwenza l-prezz ta' strument finanzjarju. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta jistgħu jgħinu biex jiġi identifikat minn ikun kiteb il-messaġġ. Barra minn hekk, tali rekords jistgħu jipprovdu evidenza ta' rabta ma' persuna oħra li tkun wettqet tranżazzjonijiet suspettużi qabel jew wara, bħala prova tal-manipulazzjoni tas-suq bit-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. F'dan il-kuntest, huwa

[18] Tweġiba tas-CESR għas-sejħa għall-għoti ta' evidenza fuq ir-reviżjoni tal-MAD, l-20 ta' April 2009, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/securities/abuse/index_mt.htm.

importanti li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern f'dak li jirrigwarda l-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għar-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta, miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew minn kumpanija ta' investiment. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu r-rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta miżmumin minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew minn kumpanija tal-investiment, fejn jeżisti suspett raġonevoli li tali rekords marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni jistgħu jkunu relevanti bħala prova ta' abbuż ta' informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq kif iddefiniti f'dan ir-Regolament jew fid-[Direttiva l-ġdida MAD]. Għandu jkun ċar ukoll, madankollu, li dawn ir-rekords ma jkunux jikkonċernaw il-kontenut tal-komunikazzjoni li għalihom huma relatati.

Billi l-abbuż tas-suq jista' jseħħ bejn il-fruntieri u bejn swieq differenti, l-AETS għandha rwol qawwi ta' koordinazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa li jikkoperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħra, u fejn applikabbli, għal derivati tal-komoditajiet, mal-awtoritajiet regolatorji responsabbli għas-swieq spot relatati, fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.

### *3.4.5. Kapitolu V (Sanzjonijiet amministrattivi)*

#### 3.4.5.1. Sanzjonijiet

Is-swieq finanzjarji huma dejjem iżjed integrati fl-Unjoni u r-reati jista' jkollhom effetti transkonfinali fl-Unjoni. Is-sistemi eżistenti diverġenti tas-sanzjonar fost l-Istati Membri jrawmu arbitraġġ regolatorju u jxekklu l-għanijiet aħħarija tal-integrità tas-suq u t-trasparenza fis-Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji. Rendikont tar-reġimi nazzjonali fis-seħħ, pereżempju, wera li l-livelli ta' sanzjonijiet pekunarji jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri, li xi awtoritajiet kompetenti m'għandhomx ċerti setgħat importanti ta' sanzjonar għad-dispożizzjoni tagħhom u li xi awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jindirizzaw sanzjonijiet lil persuni fiżiċi u ġuridiċi[19]. Għalhekk, dan ir-Regolament jintroduċi regoli minimi għal miżuri, sanzjonijiet u multi amministrattivi. Dan ma jimpedixxix lil Stati Membri individwali milli jistabbilixxu standards ogħla. Ir-Regolament jipprovdi għad-"disgorgement" (l-għoti lura bil-fors ta' kwalunwke profitti miksuba illegalment) ta' kwalunkwe profitti meta dawn ikunu ġew identifikati, inklużi l-interessi, u, sabiex jiġi żgurat effett deterrenti xieraq, jintroduċi multi li għandhom jaqbżu kull profitt miksub jew telf evitat bħala riżultat tal-ksur ta' dan ir-Regolament, u għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti fid-dawl tal-fatti u ċ-ċirkostanzi.

Barra minn hekk, is-sanzjonijiet kriminali għandhom effett ta' deterrent aktar b'saħħtu milli l-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi. Il-proposta għal Direttiva [XX] tintroduċi r-rekwiżit li l-Istati Membri kollha jqiegħdu fis-seħħ sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-aktar reati serja ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Dik id-Direttiva għandha tiġi applikata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, inklużi miżuri prospettivi ta' implimentazzjoni. Madankollu, id-definizzjonijiet użati għall-

---

19 (COM(2010) 1496) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji, Diċembru 2010, Kapitolu 3.

iskopijiet tad-Direttiva jistgħu jvarjaw minn dawk użati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

3.4.5.2. Protezzjoni u inċentivi għall-informaturi dwar prattiki ħżiena ("whistleblowers")

L-għoti ta' informazzjoni dwar prattiki ħżiena ("whistle blowing") jista' jkun sors utli ta' informazzjoni primarja u jista' jwissi lill-awtoritajiet kompetenti għal każijiet ta' abbuż suspettat tas-suq. Ir-Regolament isaħħaħ il-qafas tal-abbuż tas-suq fl-Unjoni billi jintroduċi protezzjoni xierqa għall-informaturi ta' prattiċi ħżiena li jirrappurtaw abbuż suspettat tas-suq, il-possibbiltà ta' inċentivi finanzjarji għall-persuni li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni ewlenija li twassal għal sanzjoni monetarja, u titjib tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri biex jirċievu u janalizzaw notifiki ta' informazzjoni dwar prattiki ħżiena.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-implikazzjonijiet baġitarji speċifiċi tal-proposta huma relatati ma' kompitu allokat lill-AETS kif speċifikat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi li jakkumpanjaw din il-proposta. Implikazzjonijiet baġitarji speċifiċi għall-Kummissjoni huma evalwati wkoll fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja din il-proposta.

Il-proposta għandha implikazzjonijiet għall-baġit Komunitarju.

2011/0295 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[20],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[21],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[22],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Suq waħdieni ġenwin għas-servizzi finanzjarji huwa kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' impjiegi fl-Unjoni.

(2) Suq finanzjarju integrat u effiċjenti jeħtieġ integrità tas-suq. Il-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli u l-kunfidenza pubblika fis-swieq huma prerekwiżiti għat-tkabbir u għall-ġid ekonomiku. L-abbuż tas-suq jolqot ħażin l-integrità tas-swieq finanzjarji u l-kunfidenza pubblika f'titoli u derivati.

(3) Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)[23], adottata fit-28 ta' Jannar 2003, kompliet u aġġornat il-qafas legali tal-Unjoni biex tipproteġi l-integrità tas-suq. Madankollu, minħabba l-iżviluppi leġiżlattivi, tas-suq u teknoloġiċi li minn dakinhar irriżultaw

[20] ĠU C […], […], p. […].
[21] ĠU C , , p. .
[22] ĠU C , , p. .
[23] ĠU L 16, 12.4.2003, p. 16.

f'bidliet konsiderevoli għax-xenarju finanzjarju, dik id-Direttiva għandha issa tiġi sostitwita sabiex jiġi żgurat li tinżamm aġġornata skont dawn l-iżviluppi. Jeħtieġ ukoll strument leġiżlattiv ġdid sabiex jiġu żgurati regoli uniformi u ċarezza tal-kunċetti ewlenin, u biex ikun żgurat sett ta' regoli wieħed f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja[24].

(4) Hemm bżonn li jiġi stabbilit qafas uniformi sabiex jippreżerva l-integrità tas-suq u sabiex jevita arbitraġġ regolatorju potenzjali, kif ukoll sabiex jipprovdi aktar ċertezza legali u inqas kumplessità regolatorja għall-parteċipanti fis-suq. Dan l-att legali direttament applikabbli jimmira li jikkontribwixxi, b'mod determinanti, għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, u għaldaqstant għandu jissejjes fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 114 tat-TFUE, kif interpretat skont il-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(5) Għaldaqsant, sabiex jitneħħa x-xkiel li għad baqa' għall-kummerċ, jisparixxi t-tagħwiġ sinifikanti tal-kompetizzjoni li jirriżulta mid-diverġenzi fost il-liġijiet nazzjonali, u jiġi evitat kull xkiel ieħor possibbli għall-kummerċ u għat-tagħwiġ sinifikanti tal-kompetizzjoni, jeħtieġ li jiġi adottat Regolament li jistabbilixxi regoli uniformi applikabbli fl-Istati Membri kollha. L-istabbiliment ta' rekwiżiti kontra l-abbuż tas-suq fil-forma ta' Regolament għandu jiżgura li dawk ir-rekwiżiti ikunu direttament applikabbli. Dan għandu jiżgura kundizzjonijiet uniformi billi jevita d-diverġenza fost ir-rekwiżiti nazzjonali minħabba t-traspożizzjoni ta' direttiva. Dan ir-Regolament għandu jimplika li l-persuni kollha, mingħajr eċċezzjoni, isegwu l-istess regoli fl-Unjoni. Tali regolament għandu wkoll inaqqas il-kumplessità regolatorja u jniżżel l-ispejjeż tal-kumpaniji li jkunu konformi, partikularment dawk il-kumpaniji li jaġixxu fuq bażi transkonfinali. Ir-Regolament għandu jikkontribwixxu wkoll lejn it-tneħħija totali tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa"[25] titlob lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jfasslu regoli sabiex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jadattaw il-leġiżlazzjoni skont il-ħtiġijiet ta' emittenti fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs, u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament ta' dawk l-emittenti. Għadd ta' dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2003/6/KE jimponu piżijiet amministrattivi fuq l-emittenti, b'mod partikulari dawk li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs, li għandhom jitnaqqsu.

(7) L-abbuż tas-suq huwa l-kunċett li jinkludi l-imġiba illegali kollha fis-swieq finanzjarji, u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandu jkun mifhum li jikkonsisti f'abbuż minn informazzjoni privileġġata jew użu ħażin ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Imġiba bħal din timpedixxi trasparenza totali u korretta tas-suq, li huwa prerekwiżit għan-negozjar għall-atturi ekonomiċi kollha fi swieq finanzjarji integrati.

(8) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/6/KE kien jiffoka fuq l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, iżda fis-snin riċenti l-istrumenti finanzjarji kienu negozjati dejjem aktar fuq faċilitajiet multilaterali tan-negozjar

---

24 Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE, Brussell, 25.2.2009.

25 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa, COM (2008) 394 finali.

(MTF). Hemm ukoll strumenti finanzjarji li huma nnegozjati biss fuq tipi oħra ta' faċilitajiet organizzati tan-negozjar (OTFs) bħas-sistemi ta' broker crossing jew negozjati biss OTC. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għalhekk għandu jiġi estiż biex jinkludi kull strument finanzjarju nnegozjati fuq MTF jew OTF, kif ukoll strumenti finanzjarji nnegozjati OTC, bħal pereżempju swaps ta' inadempjenza tal-kreditu, jew kwalunkwe kondotta jew azzjoni oħra li jista' jkollha effett fuq strument finanzjarju bħal dan innegozjat f'suq regolat, MTF jew OTF. Dan għandu jtejjeb il-protezzjoni tal-investitur, jippreżerva l-integrità tas-swieq u jiżgura li l-manipulazzjoni tas-suq ta' strumenti bħal dawn permezz ta' strumenti finanzjarji nnegozjati OTC ikun ipprojbit b'mod ċar.

(9) L-istabilizzazzjoni ta' strumenti finanzjarji jew negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist ("buy-back") tista' tkun leġittima, f'ċerti ċirkustanzi, għal raġunijiet ekonomiċi, u m'għandhiex, għalhekk, fiha nnifisha titqies bħala abbuż tas-suq.

(10) L-Istati Membri u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, il-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja, il-banek ċentrali nazzjonali u aġenziji oħra jew vetturi b'għan speċjali ta' Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri kif ukoll l-Unjoni u ċerti korpi pubbliċi oħra, ma għandhomx ikunu ristretti fit-twettiq ta' ġestjoni monetarja, tar-rata ta' skambju jew dejn pubbliku jew politika tal-klima.

(11) L-investituri raġjonevoli jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom fuq informazzjoni diġà disponibbli għalihom, jiġifieri, fuq it-tagħrif disponibbli ex ante. Għalhekk, id-domanda jekk, fit-teħid ta' deċiżjoni ta' investiment, investitur raġjonevoli x'aktarx li jqis biċċa informazzjoni partikulari, għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli ex ante. Tali valutazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt antiċipat tal-informazzjoni fid-dawl tal-totalità tal-attività tal-emittent relatat, l-affidabbiltà tas-sors tal-informazzjoni u kwalunkwe varjanti oħra tas-suq li x'aktarx jaffettwaw l-istrumenti finanzjarji, il-kuntratti spot relatati tal-komoditajiet, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti ta' emissjonijiet fiċ-ċirkostanzi partikolari.

(12) Informazzjoni ex post tista' tintuża biex tivverifika l-preżunzjoni illi l-informazzjoni ex ante kienet sensittiva għall-prezzijiet, imma ma għandhiex tintuża biex tittieħed azzjoni kontra persuni li jkunu siltu konklużjonijiet raġjonevoli mill-informazzjoni ex ante disponibbli għalihom.

(13) Iċ-ċertezza legali għall-parteċipanti tas-suq għandha tiġi msaħħa permezz ta' definizzjoni aktar mill-qrib ta' tnejn mill-elementi essenzjali għad-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata, jiġifieri n-natura preċiża ta' dik l-informazzjoni u s-sinifikat tal-effett potenzjali tagħha fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji, il-kuntratti spot tal-komoditajiet relatati, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti ta' emissjonijiet. Għal derivati li jkunu prodotti tal-enerġija tal-operaturi, informazzjoni speċifika li għandha tkun mikxufa skont ir-Regolament [Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi], għandha titqies bħala informazzjoni privileġġata jew "ta' ġewwa".

(14) L-informazzjoni privileġġata jista' jsir abbuż minnha qabel ma emittent ikun obbligat li jikxifha. Il-qagħda ta' negozjati ta' kuntratti, it-termini miftiehma proviżjonalment fin-negozjati ta' kuntratti, il-possibbiltà tal-pożizzjonament ta' strumenti finanzjarji, il-kundizzjonijiet li skonthom strumenti finanzjarji jistgħu jiġi kkummerċjalizzati, jew it-

termini proviżjonali għall-pożizzjonijiet ta' strumenti finanzjarji, jistgħu jkunu informazzjoni relevanti għall-investituri. Għaldaqstant, tali informazzjoni għanda tikkwalifika bħala informazzjoni privileġġata. Madankollu, tali informazzjoni jista' jkun li ma tkunx preċiża biżżejjed biex l-emittent ikollu l-obbligu li jikxifha. F'tali każijiet, għandha tapplika l-projbizzjoni tan-negozjar b'informazzjoni privileġġata, iżda ma għandux japplika l-obbligu li l-emittent jikxef l-informazzjoni.

(15) Is-swieq spot u s-swieq relatati tad-derivati huma interkonnessi ħafna u globali, u l-abbuż tas-suq jista' jsir madwar is-swieq kif ukoll bejn il-fruntieri. Dan japplika kemm għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata kif ukoll għall-manipulazzjoni tas-suq. B'mod partikolari, informazzjoni privileġġata minn suq spot tista' tibbenefika lil persuna li tinnegozja f'suq finanzjarju. Għalhekk, id-definizzjoni ġenerali ta' informazzjoni interna b'relazzjoni mas-swieq finanzjarji u derivattivi tal-merkanzija għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni kollha li hija relevanti għall-komodità relatati. Barra minn hekk, l-istrateġiji manipulattivi jistgħu wkoll jestendu madwar post u swieq derivattivi. In-negozjar tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-derivati tal-komoditajiet, jista' jintuża biex jimmanipula kuntratti spot relatati tal-komoditajiet, u viċiversa, dawn il-kuntratti jistgħu jintużaw biex jimmanipulaw strumenti finanzjarji relatati. Il-projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq għandha taqbad dawn l-interkonnessjonijiet. Madankollu, ma jixraqx, jew mhuwiex prattikabbli, li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġi estiż għal imġiba li ma tinvolvix strumenti finanzjarji, pereżempju, għal negozjar f'kuntratti spot tal-komoditajiet li jaffettwa biss is-suq spot. Fil-każ speċifiku ta' prodotti tal-enerġija tal-operaturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi tad-definizzjonijiet tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi] meta japplikaw id-definizzjonijiet ta' informazzjoni privileġġata (jew "minn ġewwa"), l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq ta' dan ir-Regolament għal strumenti finanzjarji marbuta ma' prodotti tal-enerġija tal-operaturi.

(16) B'konsegwenza tal-klassifikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji, parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, dawk l-istrumenti se jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'qies għan-natura speċifika ta' dawk l-istrumenti u l-karatteristiċi strutturali tas-suq tal-karbonju, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-attività tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u korpi oħra maħtura uffiċjalment li jinvolvu kwoti tal-emissjonijiet, ma tkunx ristretta għall-insegwiment tal-politika tal-klima tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-dmir li tirrapporta informazzjoni privileġġata jeħtieġ li jiġi indirizzat lill-parteċipanti f'dak is-suq b'mod ġenerali. Madankollu, sabiex jiġi evitat li s-suq jiġi espost għal rappurtar li ma jkunx utli, kif ukoll biex tinżamm il-kosteffiċjenza tal-miżura prevista, jidher li huwa meħtieġ li l-impatt regolatorju ta' dak id-dmir jiġi limitat biss għal dawk l-operaturi tal-ETS tal-UE, li –minħabba d-daqs u l-attività tagħhom– jistgħu jkunu mistennija raġonevolment li jkollhom effett sinifikanti fuq il-prezz tal-kwoti tal-emissjonijiet. Fejn il-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet diġà huma konformi mad-dmirijiet ekwivalenti ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata, b'mod partikolari skont ir-Regolament dwar l-integrità u t-trasparenza tas-suq tal-enerġija (Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi), l-obbligu ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata rigward il-kwoti tal-emissjonijiet m'għandux iwassal għal żvelar obbligatorju doppju sostanzjalment bl-istess kontenut.

(17) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità[26] pprovdiet għal żewġ reġimi paralleli kontra l-abbuż tas-suq, applikabbli għall-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet. Madankollu, b'riżultat tal-klassifikazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji, dan ir-Regolament għandu jikkostitwixxi sett ta' regoli wieħed ta' miżuri ta' abbuż tas-suq applikabbli għas-swieq primarju u sekondarju sħaħ fil-kwoti tal-emissjonijiet. Ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqu skont ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità.

(18) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi miżuri rigward il-manipulazzjoni tas-suq li jistgħu jiġu adattati għal forom ġodda ta' negozjar jew strateġiji ġodda li jistgħu jkunu abbużivi. Sabiex jiġi rifless il-fatt li n-negozjar ta' strumenti finanzjarji huwadejjem aktar awtomatizzat, huwa mixtieq li l-manipulazzjoni tas-suq għandha tkun issupplimentata minn eżempji ta' strateġiji speċifiċi ta' abbuż li jistgħu jitwettqu permezz ta' negozjar algoritmiku inkluż negozjar ta' frekwenza għolja. L-eżempji pprovduti mhumiex maħsuba biex ikunu eżawrjenti u lanqas ma huma maħsuba biex jissuġġerixxu li l-istess strateġiji mwettqa permezz ta' mezzi oħra ma jkunux abbużivi wkoll.

(19) Sabiex jikkomplementa l-projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq, dan ir-Regolament għandu jinkludi projbizzjoni kontra tentattiv ta' involviment fil-manipulazzjoni tas-suq, peress li tentattivi li ma jirnexxux għal manipulazzjoni tas-suq għandhom jiġu ssanzjonati wkoll. It-tentattiv li jsir involviment f'manipulazzjoni tas-suq għandu jkun distint minn sitwazzjonijiet fejn l-imġiba ma jkollhiex l-effett mixtieq fuq il-prezz ta' strument finanzjarju. Din l-imġiba hija meqjusa bħala manipulazzjoni tas-suq minħabba li x'aktarx setgħet tagħti sinjali foloz jew qarrieqa.

(20) Dan ir-Regolament għandu jiċċara wkoll li l-involviment f'manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq fi strument finanzjarju jistgħu jieħdu l-forma ta' użu ta' strumenti finanzjarji relatati bħal strumenti derivati li huma nnegozjati fuq post jew faċilità tan-negozjar ieħor jew OTC.

(21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi tas-suq bejn postijiet u faċilitajiet tan-negozjar suġġetti għal dan ir-Regolament, l-operaturi tas-swieq regolati, l-MTFs u OTFs għandhom ikunu obbligati li jadottaw dispożizzjonijiet strutturali proporzjonati mmirati lejn il-prevenzjoni u l-kxif ta' prattiki ta' manipulazzjoni tas-suq.

(22) Il-manipulazzjoni jew tentattiv ta' manipulazzjoni ta' strumenti finanzjarji jista' jikkonsisti wkoll fi tqegħid ta' ordnijiet li ma jistgħux jiġu eżegwiti. Barra minn hekk,

---

26 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010. dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità, ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

strument finanzjarju jista’ jiġi mmanipulat permezz ta’ mġiba li ssir barra mill-post jew faċilità tan-negozjar. Għalhekk, persuni li professjonalment jirranġaw jew iwettqu tranżazzjonijiet u li jkunu mitluba li jkollhom sistemi fis-seħħ sabiex jidentifikaw u jirrappurtaw tranżazzjonijiet suspettużi għandhom jirrappurtaw ukoll ordnijiet suspettużi u tranżazzjonijiet suspettużi li jsiru barra mill-post jew faċilità tan-negozjar.

(23) Il-manipulazzjoni jew tentattiv ta’ manipulazzjoni ta’ strumenti finanzjarji jistgħu jikkonsistu wkoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. It-tixrid ta’ informazzjoni falza jew qarrieqa jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji f'perjodu ta' żmien relattivament limitat. Jista' jikkonsisti fl-invenzjoni ta’ informazzjoni ċarament falza, iżda wkoll fl-omissjoni apposta ta’ fatti materjali, kif ukoll ir-rappurtar impreċiż apposta ta’ informazzjoni. Din il-forma ta’ manipulazzjoni tas-suq hija ta’ ħsara partikulari għall-investituri, għaliex iġegħilhom jsejsu d-deċiżjonijiet tal-investiment tagħhom fuq informazzjoni skorretta jew imgħawġa. Hija ta’ ħsara wkoll għall-emittenti, għaliex itnaqqas il-fiduċja fl-informazzjoni li hemm għad-dispożizzjoni tagħhom. Nuqqas ta’ fiduċja fis-suq jista', min-naħa tiegħu, jikkomprometti serjament il-ħila ta’ emittent biex joħroġ strumenti finanzjarji ġodda, jew biex jiżgura l-kreditu minn parteċipanti oħra tas-suq sabiex jiffinanzja l-operati tiegħu. L-informazzjoni tinfirex mas-suq malajr ħafna. B'konsegwenza ta’ dan, il-ħsara lill-investituri u lill-emittenti tista' tibqa' sejra għal żmien relattivament twil, sakemm jinstab li l-informazzjoni kienet falza jew qarrieqi, u tkun tista' tiġi kkoreġuta mill-emittent jew minn dawk responsabbli għat-tixrid tagħha. Għaldaqstant, jeħtieġ li t-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqi, inklużi l-għajdut u l-aħbarijiet foloz jew qarrieqi, jiġi kklassifikat bħala ksur ta' dan ir-Regolament. Jixraq b'hekk li dawk li jkunu attivi fis-swieq finanzjarji ma jkollhom il-permess li jesprimu liberament informazzjoni li tmur kontra l-opinjoni tagħhom jew il-ġudizzju tajjeb tagħhom, li jafu jew imisshom jafu li hija falza jew qarrieqi, bi ħsara għall-investituri u għall-emittenti.

(24) L-iżvelar pubbliku fil-pront ta’ informazzjoni privileġġata minn emittent huwa essenzjali sabiex jiġi evitat negozjar b'informazzjoni privileġġata u jiżguraw li l-investituri ma jiġux imqarrqa. L-emittenti għandhom għalhekk ikunu mitluba li jinformaw lill-pubbliku malajr kemm jista’ jkun rigward informazzjoni privileġġata, sakemm dewmien ma jkunx probabbli li jqarraq bil-pubbliku u l-emittent ikun jista’ jiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

(25) Xi drabi, meta istituzzjoni finanzjarja tirċievi għajnuna ta’ self ta’ emerġenza, jista’ jkun fl-aħjar interess tal-istabbiltà finanzjarja li l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata ikun ittardjat meta l-informazzjoni tkun ta’ importanza sistemika. Għandu għalhekk ikun possibbli li l-awtorità kompetenti tawtorizza dewmien fl-iżvelar ta’ informazzjoni privileġġata.

(26) Il-ħtieġa li tiġi żvelata informazzjoni privileġġata tista’ tkun ta’ piż għall-emittenti, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta’ tkabbir tal-SMEs, minħabba l-ispejjeż tal-monitoraġġ ta’ informazzjoni fil-pussess tagħhom u t-tiftix ta’ parir legali dwar jekk u meta l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi żvelata. Madankollu, l-iżvelar fil-pront ta’ informazzjoni privileġġata huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kunfidenza tal-investituri f’dawk l-emittenti. Għalhekk, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandha tkun tista’ toħroġ linji gwida li jgħinu lill-emittenti jħarsu l-obbligu li jiżvelaw informazzjoni privileġġata mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoni tal-investitur.

(27) Il-listi ta’ persuni b'informazzjoni privileġġata huma għodda importanti għar-regolaturi meta jinvestigaw abbuż possibbli tas-suq, iżda d-differenzi nazzjonali rigward dejta li għandha tiġi inkluża f’dawk il-listi jimponu piżijiet amministrattivi żejda fuq l-emittenti. Kaxex tad-dejta meħtieġa għal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għandhom għalhekk ikunu uniformi sabiex jitnaqqsu dawk l-ispejjeż. Il-ħtieġa li jinżammu listi ta’ persuni b'informazzjoni privileġġata u li jiġu aġġornati kostantement timponi piżijiet amministrattivi speċifikament fuq l-emittenti fis-swieq ta’ tkabbir tal-SMEs. Peress li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu sorveljanza effettiva tal-abbuż tas-suq mingħajr ma jkollhom dawk il-listi disponibbli l-ħin kollu għal dawk l-emittenti dawn għandhom ikunu eżenti minn dan l-obbligu sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi imposti b’dan ir-Regolament.

(28) Trasparenza akbar tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltajiet maniġerjali fil-livell tal-emittent u, fejn applikabbli, persuni assoċjati mill-qrib magħhom, tikkostitwixxi miżura preventiva kontra l-abbuż tas-suq. Il-pubblikazzjoni ta’ dawk it-tranżazzjonijiet mill-inqas fuq bażi individwali tista’ wkoll tkun sors siewi ta’ informazzjoni għall-investituri. Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-obbligu li jiġu ppubblikati t-tranżazzjonijiet ta’ dawk il-manigers jinkludi wkoll il-wegħda jew self ta’ strumenti finanzjarji kif ukoll tranżazzjonijiet minn persuna oħra li li teżerċita diskrezzjoni għall-maniġer. Sabiex jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-livell tat-trasparenza u n-numru ta’ rapporti notifikati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku, għandu jiġu introdotti limitu uniformi f’dan ir-Regolament li t-tranżazzjonijiet li ma jaqbżuhx m’għandhomx jiġu notifikati.

(29) Sett ta’ għodod u setgħat effettivi għall-awtorità kompetenti ta’ kull Stat Membru jiggarantixxi effettività ta’ sorveljanza. L-intrapriżi tas-suq u l-atturi ekonomiċi kollha għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-integrità tas-suq. F’dan is-sens, il-ħatra ta’ awtorità kompetenti unika għall-abbuż tas-suq m’għandhiex teskludi rabtiet ta’ kollaborazzjoni jew delegazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti, bejn dik l-awtorità u l-intrapriżi tas-suq bil-ħsieb li tiġi ggarantita sorveljanza effiċjenti ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet f’dan ir-Regolament.

(30) Għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta’ każijiet ta’ negozjar b'informazzjoni privileġġata u ta’ manipulazzjoni tas-suq, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw bini privat u li jikkonfiskaw dokumenti. L-aċċess għall-bini privat ikun partikularment meħtieġ fejn: il-persuna li għaliha tkun diġà saret talba għal informazzjoni tonqos (għalkollox jew parzjalment) milli tikkonforma magħha; jew fejn hemm raġunijiet ġustifikabbli biex wieħed jemmen li, kieku kellha ssir talba, ma tiġix milqugħa, jew id-dokumenti jew l-informazzjoni li t-talba tkun marbuta magħhom jitneħħew, jiġu mmanipulati jew jinqerdu.

(31) Rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta minn kumpaniji tal-investiment li jwettqu tranżazzjonijiet, u rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta minn operaturi tat-telekomunikazzjoni, jikkostitwixxu evidenza kruċjali, u kultant anki l-unika evidenza, biex tiġi identifikata u pprovata l-eżistenza ta’ abbuż minn informazzjoni privileġġata u ta’ manipulazzjoni tas-suq. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta jistgħu jistabbilixxu l-identità ta’ persuna responsabbli għat-tixrid ta’ informazzjoni falza jew qarrieqa, jew li ċerti persuni jkunu ġew f'kuntatt f'ċertu ħin, jew li teżisti relazzjoni bejn tnejn min-nies jew aktar. Sabiex jiġu introdotti kundizzjonijiet indaqs fl-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għar-rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta miżmuma minn

operatur tat-telekomunikazzjoni jew minn kumpanija tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu rekords eżistenti tat-telefown jew tat-traffiku tad-dejta miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew minn kumpanija ta' investiment, fejn ikun hemm suspett raġonevoli li tali rekords, marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni, ikunu relevanti bħala prova ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq kif iddefiniti fid-Direttiva [MAD ġdida], bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva [MAD ġdida]. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta ma jinkludux il-kontenut ta' tal-komunikazzjonijiet.

(32) Peress li l-abbuż tas-suq jista' jsir bejn il-fruntieri u s-swieq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu mitluba li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti u regolatorji oħra, u mal-AETS, b'mod partikolari rigward attivitajiet ta' investigazzjoni. Meta awtorità kompetenti tkun konvinta li l-abbuż tas-suq kien, jew qiegħed, jiġi mwettaq fi Stat Membru ieħor jew jaffettwa strumenti finanzjarji nnegozjati fi Stat Membru ieħor, għandha tinnotifika dak il-fatt lill-awtorità kompetenti u lill-AETS. F'każijiet ta' abbuż tas-suq b'effetti transkonfinali, l-AETS għandha tkun mitluba li tikkoordina l-investigazzjoni jekk tintalab li tagħmel hekk minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

(33) Sabiex jiġu żgurati skambji ta' informazzjoni u kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi rigward l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Kwalunkwe trasferiment ta' dejta personali li jsir fuq il-bażi ta' dak il-ftehim għandu jkun konformi mad-Direttiva (KE) 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[27], kif ukoll mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta[28].

(34) Qafas prudenzjali u sod u l-kondotta tan-negozju għas-settur finanzjarju għandu jkun ibbażat fuq sistemi b'saħħithom ta' sorveljanza u sanzjonar. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet superviżorji għandhom ikunu mgħammra b'biżżejjed setgħat sabiex jaġixxu u għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq sistemi ta' sanzjonijiet ugwali, qawwija u ta' deterrent kontra kull kondotta ħażina finanzjarja, sanzjonijiet li għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv. Madankollu, il-Grupp ta' Livell Għoli kkunsidra li l-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma huwa attwalment fis-seħħ. Analiżi tas-setgħat eżistenti tas-sanzjonar u l-applikazzjoni prattika tagħhom bil-għan li tiġi promossa l-konverġenza tas-sanzjonijiet tul firxa ta' attivitajiet ta' sorveljanza ġiet imwettqa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 Diċembru 2010 dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji[29].

(35) Għalhekk, minbarra li jiġu pprovduti regolaturi b'għodod u setgħat effettivi ta'sorveljanza, sett ta' miżuri, sanzjonijiet u multi amministrattivi għandu jkun stabbilit sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fl-Istati Membri u sabiex jiġi mtejjeb l-

[27] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[28] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[29] Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji, COM (2010) 716, it-8 ta' Diċembru 2010.

effett dissważiv tagħhom. Il-multi amministrattivi għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni fatturi bħad-disgorgement ta' kwalunkwe benefiċċju finanzjarju identifikat, kemm ikun serju u kemm idum ksur, kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti, il-ħtieġa li l-multi jkollhom effett deterrenti u, fejn xieraq, jinkludu skont għal kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti. L-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u familjari (Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali (Artikolu 8) u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust (Artikolu 47).

(36) L-informaturi dwar prattiċi ħżiena ("whistleblowers") jressqu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tgħinhom biex jidentifikaw u jissansjonaw każijiet ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, l-għoti ta' informazzjoni dwar prattiċi ħżiena jista' jkun ostakolat minħabba l-biża' minn ritaljazzjoni, jew minħabba nuqqas ta' inċentivi. Dan ir-Regolament għalhekk għandu jiżgura li l-arranġamenti adegwati huma fis-seħħ biex jinkoraġġixxu lill-informaturi dwar prattiċi ħżiena sabiex iwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur possibbli ta' dan ir-Regolament, u biex ikunu protetti minn ritaljazzjoni. Madankollu, l-informaturi dwar prattiċi ħżiena għandhom ikunu eliġibbli biss għal dawk l-inċentivi meta dawn iressqu informazzjoni ġdida li mhumiex diġà legalment obbligati li jinnotifikaw u meta din l-informazzjoni tirriżulta f'sanzjoni għal ksur ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-iskemi tal-għoti ta' informazzjoni dwar prattiċi ħżiena li jimplimentaw jinkludu mekkaniżmi li jipprovdu protezzjoni xierqa ta' persuna rappurtata, b'mod partikulari rigward id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali tiegħu u proċeduri biex jiżguraw id-dritt tal-persuna rrappurtata għal difiża u li jinstema' qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li tikkonċerna lilu kif ukoll id-dritt għal tiftix ta' rimedju effettiv quddiem qorti kontra deċiżjoni li tikkonċerna lilu.

(37) Peress li l-Istati Membri adottaw leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE, u peress li huma previsti atti delegati u standards tekniċi ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati qabel il-qafas li se jiġi introdotti jista' jiġi applikat b'mod siewi, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi ta' dan ir-Regolament tiġi diferita għal perjodu suffiċjenti ta' żmien.

(38) Sabiex tiġi faċilitata tranżizzjoni mingħajr xkiel għad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, prattiki tas-suq eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 2273/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jimplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-eżenzjonijiet għall-programmi tax-xiri lura u l-istabbilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji[30] għall-iskop tal-applikazzjoni tal-punt 2(a) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/6/KE, jistgħu jibqgħu applikabbli sa sena wara d-data speċifikata għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, sakemm dawn ikunu notifikati lill-AETS.

(39) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit fit-Trattat, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt

---

[30] ĠU L 336, 23.12.2003, p. 33.

għall-protezzjoni ta' dejta personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni, u d-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat. Il-limitazzjonijiet imposti fuq dawn id-drittijiet huma skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta peress li huma meħtieġa biex jiżguraw l-għanijiet ta' interess ġenerali tal-protezzjoni tal-investituri u l-integrità tas-swieq finanzjarji, u s-salvagwardji xierqa huma pprovduti biex jiżguraw li d-drittijiet ikunu limitati biss sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet u permezz ta' miżuri li huma proporzjonati għall-għan li għandu jintlaħaq. Il-projbizzjoni ta' tentattivi ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissanzjonaw tentattivi bħal dawn fejn ikollhom prova ta' intenzjoni li tigi kommessa manipulazzjoni tas-suq, anke fin-nuqqas ta' effett identifikabbli fuq il-prezzijiet tas-suq. L-aċċess għad-dejta u għar-rekords telefoniċi huwa meħtieġ biex tiġi pprovduta evidenza u ħjiel investigattivi dwar abbuż possibbli minn informazzjoni privileġġata jew manipulazzjoni possibbli tas-suq, u b'hekk għall-identifikazzjoni u s-sanzjonar tal-abbuż tas-suq. Il-kundizzjonijiet imposti minn dan ir-Regolament jiżguraw konformità mad-drittijiet fundamentali. Miżuri dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar prattiċi ħżiena ("whistleblowing") huma meħtieġa biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' abbuż tas-suq u biex jiżguraw il-protezzjoni tal-informatur u tal-persuna rrappurtata, inkluża l-protezzjoni tal-ħajja privata tagħhom, id-dejta personali, u d-dritt li jinstemgħu u għal rimedju effettiv quddiem tribunal. L-introduzzjoni ta' regoli minimi komuni għal miżuri, sanzjonijiet u multi amministrattivi hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-ksur simili tal-abbuż tas-suq jiġi sanzjonat b'mod paragunabbli u jiġi żgurat li s-sanzjonijiet imposti jkunu proporzjonati għall-ksur. Dan ir-Regolament ma jimpedixxi bl-ebda mod lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali tagħhom relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni fil-midja.

(40) Id-Direttiva 95/46 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[31] u r-Regolament (UE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta[32], jirregolaw l-ipproċessar ta' dejta personali mwettaq mill-AETS fil-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet indipendenti pubbliċi maħturin mill-Istati Membri. Kull skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' dejta personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE. Barra minn hekk, kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-AETS għandu jkun skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' dejta personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

(41) Dan ir-Regolament, kif ukoll l-atti delegati, l-istandards u l-linji gwida adottati skont dan, huma bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni.

(42) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat. B'mod partikulari, għandhom jiġu adottati atti ddelegati fir-rigward tal-

---

[31] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[32] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

kundizzjonijiet għall-programmi ta’ riakkwist u għall-istabilizzazzjoni ta’ strumenti finanzjarji, l-indikaturi ta’ mġiba manipulattiva elenkati fl-Anness 1, l-għatba li lil hinn minnha tiġi determinata l-applikazzjoni tal-obbligu ta’ żvelar pubbliku lill-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-kundizzjonijiet biex jitfasslu listi ta’ persuni b'informazzjoni privileġġata, u l-limiti u l-kundizzjonijiet marbutin mat-tranżazzjonijiet maniġerjali. Huwa ta’ importanza partikulari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta’ esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa ta’ dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(43) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament fir-rigward ta’ proċeduri għar-rappurtar ta' ksur ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni.

(44) Standards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw kundizzjonijiet uniformi mal-Unjoni kollha fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament. Bħal korp b'għarfien espert speċjalizzat, ikun effiċjenti u xieraq li l-AETS (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) tkun fdata bit-tfassil ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implementazzjoni li ma jinvolvux għażliet ta' politika, għat-tressiq tagħhom lill-Kummissjoni.

(45) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-AETS fir-rigward tal-proċeduri u l-arranġamenti għall-postijiet ta’ negozjar, immirati li jipprevjenu u jidentifikaw l-abbuż tas-suq, kif ukoll is-sistemi u l-mudelli li għandhom jintużaw mill-persuni sabiex jidentifikaw u jinnotifikaw ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi, u fir-rigward ta’ arranġamenti tekniċi għal kategoriji ta’ persuni għall-preżentazzjoni oġġettiva tal-informazzjoni, bir-rakkomandazzjoni ta’ strateġija ta’ investiment, u għall-iżvular ta’ interessi partikulari jew indikazzjonijiet ta’ kunflitti ta’ interess, permezz ta’ atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE u l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Huwa ta’ importanza partikulari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta’ esperti.

(46) Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta’ implimentazzjoni permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-AETS għandha tkun fdata bit-tfassil ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni għat-tressiq lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-kxif pubbliku tal-informazzjoni privileġġata, il-formati tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, u l-proċeduri għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, kemm fosthom stess kif ukoll mal-AETS.

(47) Peress li l-għan tal-azzjoni proposta, jiġifieri li timpedixxi abbuż tas-suq fil-forma ta’ abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, ma jistax jintlaħaq b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-miżuri, jista’ jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri,

skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(48) Billi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/6/KE m'għadhomx rilevanti u suffiċjenti, dik id-Direttiva għandha tiġi mħassra minn *[24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*. Il-ħtiġijiet u l-projbizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma relatati strettament ma' dawk fl-MiFID, għalhekk għandhom jibdew japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tal-MiFID,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

## TAQSIMA 1

## SUĠĠETT U KAMP TAL-APPLIKAZZJONI

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas regolatorju komuni kontra l-abbuż tas-suq, biex jiżgura l-integrità tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni, u biex itejjeb il-protezzjoni tal-investitur u l-fiduċja f'dawk is-swieq.

*Artikolu 2*
*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għal dawn li ġejjin:

(a) strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew li saret għalihom talba għall-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat;

(b) strumenti finanzjarji nnegozjati fuq MTF jew fuq OTF f'mill-inqas Stat Membru wieħed;

(c) imġiba jew tranżazzjonijiet relatati ma' strument finanzjarju msemmi fil-punti (a) jew (b) irrispettivament jekk l-imġiba jew it-tranżazzjoni fil-fatt sarux jew le f'suq regolat, MTF jew OTF;

(d) imġiba jew tranżazzjonijiet, inklużi l-offerti, marbutin mal-irkantar ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti oħra rkantati bbażati fuqhom, skont ir-

Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2010[33]. Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċifiċi li jirreferu għal offerti sottomessi fil-kuntest ta' rkant, kwalunkwe rekwiżiti u projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament li jirreferu għal ordnijiet għan-negozjar għandhom japplikaw għal offerti bħal dawn.

2. L-Artikoli 7 u 9 japplikaw ukoll għall-akkwist jew iċ-ċessjoni ta' strumenti finanzjarji mhux imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, iżda li l-valur tagħhom huwa relatat ma' strument finanzjarju msemmi f'dak il-paragrafu. Dan jinkludi speċifikament strumenti tad-derivati għat-trasferiment ta' riskju ta' kreditu li huma relatati ma' strument finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 u kuntratti finanzjarji għad-differenzi relatati ma' strument finanzjarju bħal dan.

3. L-Artikoli 8 u 10 japplikaw ukoll għal tranżazzjonijiet, ordnijiet għan-negozjar jew imġiba oħra relatata ma':

(a) tipi ta' strumenti finanzjarji, inklużi kuntratti ta' derivati jew strumenti ta' derivati għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu meta t-tranżazzjoni, ordni jew imġiba jkollha jew x'aktarx ikollha jew maħsuba li jkollha effett fuq strument finanzjarju msemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1;

(b) kuntratti spot ta' komoditajiet, li mhumiex prodotti tal-enerġija tal-operaturi, fejn it-tranżazzjoni, ordni jew imġiba jkollha jew x'aktarx ikollha jew maħsuba li jkollha effett fuq strument finanzjarju msemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1; jew

(c) tipi ta' strumenti finanzjarji, inklużi kuntratti ta' derivati jew strumenti ta' derivati għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu fejn it-tranżazzjoni, l-ordni jew l-imġiba jkollha jew x'aktarx ikollha jew maħsuba li jkollha effett fuq kuntratti spot ta' komoditajiet.

4. Il-projbizzjonijiet u r-rekwiżiti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal azzjonijiet imwettqa fl-Unjoni jew barra l-Unjoni rigward strumenti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3.

## TAQSIMA 2

## ESKLUŻJONI MILL-KAMP TAL-APPLIKAZZJONI

### *Artikolu 3*
### *Eżenzjoni għal programmi ta' riakkwist u stabbilizzazzjoni*

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għan-negozjar fl-ishma proprji fi programmi ta' riakkwist ("buy-back") meta d-dettalji

33 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità, ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

sħaħ tal-programm jiġu żvelat qabel il-bidu tan-negozjar, in-negozjar ikun irrappurtat bħala parti mill-programm ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti u wara dan jiġi żvelat lill-pubbliku, u jiġu rispettati l-limiti xierqa f'dak li jirrigwarda l-prezz u l-volum.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 9 u 10 ta’ dan ir-Regolament ma japplikawx għan-negozjar fl-ishma proprji għall-istabbilizzazzjoni ta’ strument finanzjarju meta l-istabbilizzazzjoni ssir għal perjodu ta' żmien limitat, meta tiġi żvelata informazzjoni relevanti dwar l-istabbilizzazzjoni, u jiġu rrispettati limiti xierqa f'dak li jirrigwarda l-prezz.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta’ atti ddelegati skont l-Artikolu 31, miżuri li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li tali programmi ta’ riakkwist u miżuri ta’ stabbilizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jeħtieġ li jaderixxu magħhom, inklużi kundizzjonijiet għan-negozjar, ir-restrizzjonijiet fir-rigward taż-żmien u l-volum, l-obbligi ta’ żvelar u rappurtar, u l-kundizzjonijiet tal-prezz.

*Artikolu 4*
*Esklużjoni għal attivitajiet monetarji u ta’ ġestjoni tad-dejn pubbliku u attivitajiet tal-politika tal-klima*

1. Dan ir-Regolament ma japplikax għal tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imgiba mwettqa fl-insegwiment ta’ politika monetarja, tar-rata ta’ skambju jew ta’ ġestjoni tad-dejn pubbliku minn Stat Membru, mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali, minn bank ċentrali nazzjonali ta’ Stat Membru, minn kwalunkwe ministeru, aġenzija jew entità bi skop speċjali ta’ Stat Membru, jew minn kull persuna li taġixxi f’isimha u, fil-każ ta’ Stat Membru li huwa stat federali, għal tali tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imgiba mwettqa minn membru li jagħmel parti mill-federazzjoni. Ma japplikax lanqas lil tali tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba mwettqa mill-Unjoni, entità bi skop speċjali għal bosta Stati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investiment, istituzzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar, li għandha l-għan li jimmobbilizzaw il-finanzjament u li jipprovdu l-għajnuna finanzjarja għall-ġid tal-membri tagħhom li jkunu qed iġarrbu, jew mhedda li jġarrbu, problemi finanzjarji serji, jew il-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-attività ta’ Stat Membru, il-Kummissjoni Ewropea jew kwalunkwe korp ieħor maħtur uffiċjalment, jew ta’ kwalunkwe persuna li taġixxi f’isimhom, li tikkonċerna kwoti ta’ emissjonijiet u hija mwettqa fl-insegwiment tal-politika tal-klima tal-Unjoni.

## TAQSIMA 3

## DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 5*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “strument finanzjarju” tfisser kwalunkwe strument fis-sens tal-Artikolu 2(1)(8) tar-Regolament [MiFIR].

(2) “suq regolat” tfisser sistema multilaterali fl-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 2(1)(5) tar-Regolament [MiFIR].

(3) “faċilità multilaterali tan-negozjar (MTF)” tfisser sistema multilaterali fl-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 2(1)(6) tar-Regolament [MiFIR].

(4) “faċilità organizzata tan-negozjar (OTF)” tfisser sistema jew faċilità fl-Unjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(7) tar-Regolament [MiFIR].

(5) “post tan-negozjar” tfisser sistema jew faċilità fl-Unjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(26) tar-Regolament [MiFIR].

(6) “suq ta’ tkabbir tal-SMEs” tfisser MTF fl-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1)(17) tad-Direttiva [MiFID ġdida].

(7) “awtorità kompetenti” tfisser l-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 16.

(8) “persuna” tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika.

(9) “komodità” għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006[34].

(10) “kuntratt spot tal-komoditajiet” tfisser kwalunkwe kuntratt għall-provvista ta’ komodità nnegozjata f’suq spot li tiġi kkonsenjata fil-pront meta titlesta t-tranżazzjoni, inkluż kwalunkwe kuntratt ta’ derivati li għandu jingħalaq fiżikament.

(11) “suq spot” tfisser kwalunkwe suq ta’ komoditajiet li fih il-komoditajiet jinbigħu għal flus kontanti u jiġu kkonsenjati fil-pront malli titlesta t-tranżazzjoni.

(12) “programm ta’ riakkwist” tfisser in-negozjar fl-ishma proprji skont l-Artikoli 19 sa 24 tad-Direttiva 77/91/KEE[35].

(13) “negozjar algoritmiku” tfisser in-negozjar ta’ strumenti finanzjarji permezz ta’ algoritmi tal-kompjuter fis-sens tal-Artikolu 4(1)(37) tad-Direttiva [MiFID ġdida].

(14) “kwoti tal-emissjonijiet” tfisser strument finanzjarju kif definit fil-punt (11) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva [MiFID ġdida].

---

[34] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta’ Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta’ investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta’ dik id-Direttiva [ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1].

[35] It-tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta’ Diċembru tal-1976 dwar il-koordinazzjoni ta’ salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta’ membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta’ kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta’ kumpanniji pubbliċi ta’ responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti [ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1].

(15) “parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet” tfisser kwalunkwe persuna li tagħmel tranżazzjonijiet, inkluż it-tqegħid ta’ ordnijiet għan-negozjar, ta’ kwoti tal-emissjonijiet.

(16) “emittent ta’ strument finanzjarju” tfisser emittent kif definit fl-Artikolu 2(1)(h) tad-Direttiva 2003/71/KE[36].

(17) “ACER” tfisser l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 713/2009[37].

(18) "prodott tal-enerġija tal-operaturi" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(4) tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi][38].

(19) "awtorità regolatorja nazzjonali" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2(7) tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi][39].

## TAQSIMA 4

## L-INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA, L-ABBUŻ TAL-INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA, U L-MANIPULAZZJONI TAS-SUQ

### *Artikolu 6*
### *L-informazzjoni jew privileġġata*

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, informazzjoni privileġġata (jew "minn ġewwa") għandha tinkludi t-tipi ta’ informazzjoni li ġejjin:

(a) informazzjoni ta’ natura preċiża, li ma saritx pubblika, relatata, direttament jew indirettament, ma’ emittent jew emittenti ta’ strumenti finanzjarji jew ma’ strument jew strumenti finanzjarji, u li jekk issir pubblika, x’aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta’ dawk l-istrumenti finanzjarji jew fuq il-prezz ta’ strumenti finanzjarji ta’ derivati relatati.

(b) rigward derivati fuq komoditajiet, informazzjoni ta’ natura preċiża, li ma saritx pubblika, relatata, direttament jew indirettament, ma’ derivat wieħed jew aktar minn dawn id-derivati jew mal-kuntratt spot relatat mal-komoditajiet, u li jekk issir pubblika, x’aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta’ dawn id-

[36] Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi [għan-negozjar] u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE [ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64].

[37] Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija [ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1].

[38] Ir-Regolament (UE) Nru …tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi.

[39] Ir-Regolament (UE) Nru …tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi.

derivati jew kuntratti spot relatati mal-komoditajiet; b'mod speċifiku, informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fuq livell tal-Unjoni jew nazzjonali, regoli tas-suq, kuntratti jew dwana, fuq id-derivati tal-komoditajiet jew swieq spot rilevanti.

(c) fir-rigward ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati bbażati fuqhom, informazzjoni ta' natura preċiża, li ma saritx pubblika, relatata, direttament jew indirettament, għal strument wieħed jew aktar bħal dawn, u li jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' tali strumenti jew fuq il-prezzijiet ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati.

(d) għal persuni inkarigati bl-eżekuzzjoni ta' ordnijiet li jikkonċernaw strumenti finanzjarji, din tfisser ukoll informazzjoni mibgħuta minn klijent u relatata mal-ordnijiet pendenti tal-klijent fl-istrumenti finanzjarji, li hija ta' natura preċiża, relatata, direttament jew indirettament, għal emittent jew emittenti ta' strumenti finanzjarji jew għal strument jew strumenti finanzjarji, u li jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji, il-prezz ta' kuntratti spot relatati mal-komoditajiet, jew fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati.

(e) informazzjoni li ma taqax taħt il-paragrafi (a), (b), (c) jew (d) relatata, direttament jew indirettament, għal emittent jew emittenti ta' strumenti finanzjarji jew għal strument jew strumenti finanzjarji, li mhix ġeneralment disponibbli għall-pubbliku, iżda li jekk issir disponibbli għal investitur raġjonevoli, li regolarment jinnegozja fis-suq u fl-istrument finanzjarju jew kuntratt spot tal-komoditajiet relatat ikkonċernat, tkun jew x'aktarx tkun meqjusa minn dik il-persuna bħala rilevanti meta jiġu deċiżi t-termini li bihom għandhom isiru t-tranżazzjonijiet fl-istrument finanzjarju jew kuntratt spot tal-komoditajiet relatati.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-informazzjoni għandha titqies li tkun ta' natura preċiża jekk tindika sett ta' ċirkostanzi li jeżistu jew jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jidħlu fis-seħħ jew avveniment li seħħ jew jista' raġonevolment ikun mistenni li jagħmel dan u jekk tkun speċifika biżżejjed biex tippermetti li ssir konklużjoni rigward l-effett possibbli ta' dak is-sett ta' ċirkostanzi jew avveniment fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji, il-kuntratti spot tal-komoditajiet relatati, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti tal-emissjonijiet.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1, informazzjoni li, jekk issir pubblika, aktarx ikollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji, il-kuntratti spot relatati tal-komoditajiet, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti tal-emissjonijiet, għandha tfisser informazzjoni li investitur raġjonevoli x'aktarx li juża bħala parti mill-bażi tad-deċiżjonijiet ta' investiment tiegħu.

*Artikolu 7*
*L-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-iżvelar mhux xieraq tal-informazzjoni privileġġata*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata ssir meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tuża dik l-informazzjoni billi

takkwista jew tagħmel ċessjoni, għall-kont tagħha jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni tkun relatata magħhom. L-użu ta' informazzjoni privileġġata biex tiġi kkanċellata jew emendata ordni rigward strument finanzjarju li l-informazzjoni tkun relatata miegħu meta dik l-ordni tkun saret qabel ma l-persuna kkonċernata kellha l-informazzjoni privileġġata, għandhom jitqiesu wkoll bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tentattiv ta' involviment f'abbuż minn informazzjoni privileġġata jsir meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tipprova takkwista jew tagħmel ċessjoni, għall-kont tagħha jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, minn strumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni hija relatata magħhom. It-tentattiv biex tiġi kkanċellata jew emendata ordni li tikkonċerna strument finanzjarju li l-informazzjoni hija relatata miegħu abbażi tal-informazzjoni privileġġata fejn tkun saret l-ordni qabel ma l-persuna kkonċernata kellha l-informazzjoni privileġġata, għandha titqies ukoll bħala tentattiv ta' involviment f'abbuż minn informazzjoni privileġġata.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, persuna tirrakkomanda jew tinduċi persuna oħra biex ssir involuta f'abbuż minn informazzjoni privileġġata jekk il-persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tirrakkomanda jew tinduċi persuna oħra, fuq il-bażi ta' informazzjoni privileġġata, biex takkwista jew tagħmel ċessjoni minn strumenti finanzjarji li hija relatata magħhom dik l-informazzjoni.

4. Għall-finijiet tar-Regolament, l-iżvelar mhux xieraq ta' informazzjoni privileġġata jsir meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tiżvela l-informazzjoni privileġġata lil xi persuna oħra, ħlief meta l-iżvelar isir waqt it-twettiq normali ta' dmirijiet li jirriżultaw minn impjieg jew professjoni.

5. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 japplikaw għal kwalunkwe persuna li tippossjedi informazzjoni privileġġata b'riżultat ta' kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew ta' sorveljanza tal-emittent;

(b) ikollha sehem fil-kapital tal-emittent;

(c) ikollha aċċess għall-informazzjoni permezz tal-eżerċizzju tad-dmirijiet li jirriżulta minn impjieg jew professjoni;

(d) tkun involuta f'attivitajiet kriminali.

Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 japplikaw ukoll għal kwalunkwe informazzjoni miksuba minn persuna f'ċirkustanzi differenti minn dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d) u, li l-persuna tkun taf, jew imissha taf, li hi informazzjoni privileġġata.

6. Fejn il-persuna msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun persuna ġuridika, id-dispożizzjonijiet ta' dawk il-paragrafi għandhom japplikaw ukoll għall-persuni naturali li jieħdu sehem jew jinfluwenzaw id-deċiżjoni li jitwettaq, jew jipprova jitwettaq, l-akkwist jew ċessjoni għall-kont tal-persuna ġuridika kkonċernata.

7. Fejn il-persuna msemmija fil-paragrafu 1 tkun persuna ġuridika, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu m'għandhomx japplikaw għal tranżazzjoni mill-persuna ġuridika jekk il-persuna ġuridika kellha fis-seħħ arranġamenti effettivi li żguraw li l-ebda persuna li jkollha informazzjoni privileġġata rilevanti għat-tranżazzjoni ma kellha l-ebda involviment fid-deċiżjoni, jew ġabet ruħha b'tali mod li jinfluwenza d-deċiżjoni, jew kellha xi kuntatt ma' dawk involuti fid-deċiżjoni li biha l-informazzjoni setgħet ġiet trażmessa jew li l-eżistenza tagħha setgħet ġiet indikata.

8. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal tranżazzjonijiet imwettqa fit-twettiq ta' obbligu li sar dovut għall-akkwist jew disponiment ta' strumenti finanzjarji meta dak l-obbligu jirriżulta minn ftehim konkluż, jew għandu jissodisfa obbligu legali jew regolatorji li qam, qabel ma l-persuna kkonċernata kellha l-informazzjoni privileġġata.

9. Fir-rigward tal-irkanti ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li huma miżmuma skont ir-Regolament Nru 1031/2010, il-projbizzjoni tal-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għall-użu ta' informazzjoni privileġġata billi tiġi ppreżentata, immodifikata jew irtirata offerta għall-kont proprju tal-persuna li tippossjedi informazzjoni privileġġata jew għall-kont ta' parti terza.

*Artikolu 8*
*Il-manipulazzjoni tas-suq*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-manipulazzjoni tas-suq għandha tinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(a) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew xi mġiba oħra li jkollha l-konsegwenzi li ġejjin:

– tagħti, jew aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa dwar provvista, domanda, jew prezz ta' strument finanzjarju jew kuntratt spot relatat mal-komoditajiet; jew

– tikseb, jew aktarx tikseb, il-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, jew kuntratti spot relatati mal-komoditajiet fuq livell anormali jew artifiċjali;

(b) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew kwalunkwe mġiba oħra li taffettwa l-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, jew kuntratt spot relatat mal-komoditajiet, li juża tagħmir fittizju jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju; jew

(c) it-tixrid ta' informazzjoni bil-midja, inkluż bl-internet, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, li jkollu l-konsegwenzi msemmija fis-subparagrafu (a), fejn il-persuna li tkun xerrdet l-informazzjoni kienet taf, li missha kienet taf, li l-informazzjoni kienet falza jew qarrieqi. Meta l-informazzjoni tinxtered għall-finijiet tal-ġurnaliżmu, dan it-tixrid ta' informazzjoni għandu jiġi evalwat b'kunsiderazzjoni tar-regoli li jiggvernaw il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'midja oħra, sakemm:

– dawk il-persuni ma jiħdux, direttament jew indirettament, vantaġġ jew profitti mit-tixrid tal-informazzjoni inkwistjoni; jew

– l-iżvelar jew it-tixrid isir bl-intenzjoni qarrieqa rigward il-provvista, id-domanda, jew il-prezz ta' strumenti finanzjarji.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tentattiv ta' involviment fil-manipulazzjoni tas-suq għandu jinkludi li ġej:

(a) tentattiv li ta' dħul fi tranżazzjoni, ta' tqegħid ta' ordni għan-negozjar, jew ta' kwalunkwe mġiba oħra kif definit fil-paragrafu 1(a) jew (b); jew

(b) tentattiv ta' tixrid ta' informazzjoni kif definit fil-paragrafu 1(c).

3. L-imġiba li ġejja għandha titqies bħala manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' involviment fil-manipulazzjoni tas-suq:

(a) kondotta minn persuna, jew persuni li jaġixxu f'kollaborazzjoni, sabiex jiksbu pożizzjoni dominanti fuq il-provvista jew id-domanda għal strument finanzjarju jew kuntratti spot relatati mal-komoditajiet, li għandha l-effett li tistabbilixxi, direttament jew indirettament, prezzijiet ta' xiri jew ta' bejgħ jew toħloq kundizzjonijiet inġusti oħra ta' negozjar,

(b) ix-xiri jew il-bejgħ ta' strumenti finanzjarji fl-għeluq tas-suq bl-effett jew l-intenzjoni li l-investituri jiġu mqarrqa fuq il-bażi ta' prezzijiet ta' għeluq,

(c) it-trażmissjoni ta' ordnijiet lejn post tan-negozjar permezz ta' negozjar algoritmiku, inkluż in-negozjar ta' frekwenza għolja, mingħajr intenzjoni ta' negozjar iżda bl-għan li:

– - tfixkel jew tittardja l-funzjonament tas-sistema ta' negozjar tal-post tan-negozjar;

– tagħmilha aktar diffiċli għal persuni oħra jidentifikaw ordnijiet ġenwini fis-sistema ta' negozjar tal-post tan-negozjar; jew

– toħloq impressjoni falza jew qarrieqa dwar il-provvista jew id-domanda għal strument finanzjarju.

(d) jittieħed vantaġġ minn aċċess okkażjonali jew regolari għall-midja tradizzjonali jew elettronika billi tiġi espressa opinjoni dwar strument finanzjarju jew kuntratt spot relatat mal-komoditajiet (jew indirettament dwar l-emittent tiegħu) waqt li qabel ikunu ttieħdu pożizzjonijiet dwar dak l-istrument finanzjarju jew kuntratt spot relatati mal-komoditajiet u sussegwentement isir profitt mill-impatt tal-opinjonijiet espressi dwar il-prezz ta' dak l-istrument jew kuntratt spot relatat mal-komoditajiet, mingħajr ma jiġi żvelat simultanjament dak il-kunflitt ta' interess lill-pubbliku b'mod xieraq u effettiv.

(e) ix-xiri jew il-bejgħ fis-suq sekondarju ta' kwoti tal-emissjonijiet jew derivati relatati qabel l-irkant imwettaq skont ir-Regolament Nru 1031/2010 bl-effett li jiġi stabbilit il-prezz tal-ikklerjar tal-irkant għall-prodotti rkantati fuq livell

anormali jew artifiċjali jew li offerenti li jagħmlu l-offerti fl-irkant jiġu mqarrqa.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8, u bla ħsara għall-eżempji stabbiliti fil-paragrafu 3, l-Anness I jiddefinixxi xi wħud mill-indikaturi, mhux eżawrjenti, relatati mat-tħaddim ta' tagħmir fittizju jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju, u xi wħud mill-indikaturi mhux eżawrjenti relatati ma' sinjali foloz jew qarrieqa u ma' kif jiġi żgurat il-prezz.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 31, miżuri li jispeċifikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, sabiex jiġu ċċarati l-elementi tagħhom u sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji.

# KAPITOLU 2
# L-ABBUŻ MINN INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA U L-MANIPULAZZJONI TAS-SUQ

## *Artikolu 9*
*Il-projbizzjoni tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata u tal-iżvelar mhux xieraq tal-informazzjoni privileġġata*

Persuna m'għandhiex:

(a) tinvolvi ruħha jew tagħmel tentattiv ta' involviment f'abbuż minn informazzjoni privileġġata;

(b) tirrakkomanda jew tinduċi lil persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata; jew

(c) twettaq żvelar mhux xieraq ta' informazzjoni privileġġata.

## *Artikolu 10*
*Il-projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq*

Persuna m'għandhiex tinvolvi ruħha f'manipulazzjoni tas-suq jew f'tentattiv ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq.

## *Artikolu 11*
*Il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' abbuż tas-suq*

1. Kwalunkwe persuna li topera n-negozju ta' post tan-negozjar għandha tadotta u żżomm arranġamenti u proċeduri effettivi skont [l-Artikoli 31 u 56] tad-Direttiva [MiFID ġdida] bil-għan li timpedixxi u tidentifika l-abbuż tas-suq.

2. Kwalunkwe persuna li professjonalment tirranġa jew twettaq tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji għandu jkollha sistemi fis-seħħ sabiex jikxfu u jirrappurtaw ordnijiet u tranżazzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu abbuż minn informazzjoni

privileġġata, manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq jew abbuż minn informazzjoni privileġġata. Jekk dik il-persuna jkollha suspett raġonevoli li ordni jew tranżazzjoni fi kwalunkwe strument finanzjarju, kemm jekk imqiegħda jew eżegwita fuq jew 'il barra minn post tan-negozjar, tista' tikkostitwixxi abbuż minn informazzjoni privileġġata, manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq jew abbuż minn informazzjoni privileġġata, il-persuna għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiddeterminaw l-arranġamenti u l-proċeduri xierqa bil-għan li l-persuni jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1, u biex jiġu ddeterminati s-sistemi u l-mudelli tan-notifikazzjoni li għandhom jintużaw mill-persuni biex jibqgħu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tressaq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament 1095/2010.

# KAPITOLU 3
# REKWIŻITI TA' ŻVELAR

*Artikolu 12*
*L-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata*

1. Emittent ta' strument finanzjarju għandu jinforma lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun dwar informazzjoni privileġġata li tikkonċerna direttament lill-emittent, u għandu, għal perjodu xieraq, iqiegħed fuq is-sit tal-internet tiegħu l-informazzjoni privileġġata kollha li jeħtieġ jiżvela b'mod pubbliku.

2. Parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiżvela, pubblikament, b'mod effettiv u fil-ħin, informazzjoni privileġġata dwar kwoti ta' emissjonijiet li jkollu rigward in-negozju tiegħu, inklużi l-attivitajiet ta' avjazzjoni kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE jew installazzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 3(e) tal-istess Direttiva, li l-parteċipant ikkonċernat, jew l-impriża prinċipali jew impriża relatata, ikollu/ikollha pussess jew kontroll tagħha jew li l-parteċipant, jew l-impriża prinċipali jew impriża relatata tiegħu, ikun/tkun responsabbli għall-kwistjonijiet operattivi tagħha, kollha jew parti minnhom. Rigward l-istallazzjonijiet, tali żvelar għandu jinkludi informazzjoni rilevanti għall-kapaċità u l-utilizzazzjoni ta' installazzjonijiet, inkluż nuqqas ta' disponibbiltà ppjanata jew mhux ippjanata ta' installazzjonijiet bħal dawn.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet fejn l-installazzjonijiet jew attivitajiet ta' avjazzjoni li jippossjedi, jikkontrolla jew huwa responsabbli minnhom, fis-sena preċedenti kellhom

emissjonijiet li ma jaqbżux limitu minimu ekwivalenti għad-dijossidju tal-karbonju u, jekk iwettqu attivitajiet ta' kombustjoni, kellhom kapaċità termali kklassifikata li ma taqbiżx limitu minimu.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att iddelegat skont l-Artikolu 31, miżuri li jistabbilixxu limitu minimu ta' ekwivalenti tad-dijossidu tal-karbonju u limitu minimu ta' kapaċità termali kklassifikata għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fit-tieni subparagrafu.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għal informazzjoni li hija biss informazzjoni privileġġata skont l-Artikolu 6(1)(e).

4. Bla ħsara għall-paragrafu 5, emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant fis-suq tal-kwoti ta' emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, jista' taħt ir-responsabbiltà proprja jittardja l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata, kif imsemmi fil-paragrafu 1, sabiex ma jippreġudikax l-interessi leġittimi tiegħu sakemm jintlaħqu dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

– l-ommissjoni ma tkunx probabbli li tqarraq bil-pubbliku;

– l-emittent ta' strument finanzjarju jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet ikun jista' jiżgura l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

Jekk emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet ikun ittardja l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata skont dan il-paragrafu, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti li l-iżvelar tal-informazzjoni kienet ittardjata immedjatament wara li l-informazzjoni tiġi żvelata lill-pubbliku.

5. Awtorità kompetenti tista' tippermetti ttardjar minn emittent ta' strument finanzjarju tal-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni ġewwa sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

– l-informazzjoni tkun ta' importanza sistemika;

– ikun fl-interess tal-pubbliku li l-pubblikazzjoni tagħha tiġi ttardjata;

– il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni tista' tiġi żgurata.

Il-permess għandu jsir bil-miktub. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li d-dewmien ikun biss għall-perjodu li hu meħtieġ fl-interess pubbliku.

L-awtorità kompetenti għandha tanalizza, mill-inqas darba fil-ġimgħa, jekk it-tkomplija tad-dewmien tkunx xierqa, u għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni immedjatament jekk kwalunkwe mill-kundizzjonijiet fil-punti (a), (b) jew (c) ma tibqax tkun sodisfatta.

6. Meta emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, jew persuna li taġixxi f'ismu jew għall-kont tiegħu, jiżvela xi informazzjoni privileġġata lil parti terza fl-eżerċizzju normali tad-dmirijiet tiegħu li jirriżultaw minn impjieg jew professjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7(4), dan għandu jagħmel żvelar pubbliku totali u effettiv ta' dik l-informazzjoni, simultanjament fil-każ ta'

żvelar intenzjonali, u fil-pront fil-każ ta' żvelar mhux intenzjonali. Dan il-paragrafu m'għandux japplika jekk il-persuna li tirċievi l-informazzjoni għandha d-dmir ta' kunfidenzjalità, irrispettivament minn jekk dan id-dmir huwiex ibbażat fil-liġi, regolamenti, artikoli ta' assoċjazzjoni, jew kuntratt.

7. Informazzjoni privileġġata dwar emittenti ta' strument finanzjarju, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq ta' tkabbir tal-SMEs, tista' tiġi mqiegħda mill-post jew faċilità tan-negozjar fuq il-websajt tagħha minflok fuq il-websajt tal-emittent meta l-post jew faċilità tan-negozjar jagħżel li jipprovdi din il-faċilità għall-emittenti f'dak is-suq. F'dak il-każ tali emittent ikun meqjus li ssodisfa l-obbligu fil-paragrafu 1.

8. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal emittenti li ma talbux jew ma approvawx ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru jew, fil-każ ta' strument innegozjat biss fuq MTF jew OTF, ma talbux jew ma approvawx negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF jew OTF fi Stat Membru.

9. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiddeterminaw:

– il-mezzi tekniċi għal żvelar pubbliku xieraq ta' informazzjoni privileġġata kif imsemmi fil-paragrafi 1, 6 u 7;

– il-mezzi tekniċi biex jiġi ttardjat l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata kif imsemmi fil-paragrafi 4 and 5.

L-AETS għandha tissottometti l-abbozz tal-istandards tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1095/2010.

*Artikolu 13*
*Listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata*

1. Emittenti ta' strument finanzjarju jew parteċipanti f'suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isihom jew għall-kont tagħhom, għandhom:

– ifasslu lista tal-persuni kollha li jaħdmu għalihom, taħt kuntratt ta' impjieg jew xort'oħra, li għandhom aċċess għal informazzjoni privileġġata;

– jaġġornaw din il-lista regolarment; u

– jipprovdu l-lista lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun fuq talba tagħha.

2. Emittenti ta' strument finanzjarju li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq ta' tkabbir tal-SMEs għandhom ikunu eżenti mit-tfassil ta' lista

bħal din. Madankollu, jekk jintalbu li jagħmlu dan mill-awtorità kompetenti bħala parti mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet superviżorji jew investigattivi tagħha, dak l-emittent għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti lista li tidentifika dawk il-persuni li jaħdmu għalihom b'aċċess għal informazzjoni privileġġata.

3. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal emittenti li ma talbux jew ma approvawx ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru jew, fil-każ ta' strument innegozjat biss fuq MTF jew OTF, ma talbux jew ma approvawx negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF jew OTF fi Stat Membru.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 31, miżuri li jiddeterminaw il-kontenut ta' lista kif imsemmija fil-paragrafu 1, inkluża informazzjoni rigward l-identitajiet u r-raġuni biex persuni jiġu inklużi f'lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, kif ukoll il-kundizzjonijiet li skonthom l-emittenti ta' strument finanzjarju jew parteċipanti f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom, għandhom ifasslu tali lista, inklużi l-kundizzjonijiet li skonthom dawn il-listi għandhom jiġu aġġornati, il-perjodu ta' żmien li matulu għandhom jinżammu, u r-responsabbiltajiet tal-persuni elenkati fihom.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal kwalunkwe pjattaforma ta' rkantar, irkantatur jew sorveljatur tal-irkanti fir-rigward tal-irkantar ta' kwoti tal-emissjonijiet jew ta' prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li jsiru skont ir-Regolament Nru 1031/2010.

6. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-format preċiż tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, kif ukoll il-format għall-aġġornament tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata msemmija f'dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tissottometti l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1095/2010.

### *Artikolu 14*
### *Tranżazzjonijiet maniġerjali*

1. Persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdan emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, kif ukoll persuni assoċjati mill-qrib magħhom, għandhom jiżguraw li ssir pubblika informazzjoni dwar l-eżistenza ta' tranżazzjonijiet imwettqa għall-kont tagħhom stess relatati mal-ishma ta' dak l-emittent, jew għal derivati jew strumenti finanzjarji oħra marbuta magħhom, jew fil-kwoti tal-emissjonijiet. Dawn il-persuni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi ppubblikata fi żmien jumejn ta' negozju wara l-jum li fih seħħet it-tranżazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tranżazzjonijiet li għandhom jiġu notifikati għandhom jinkludu:

– il-wiegħda jew is-self ta' strumenti finanzjarji minn jew f'isem persuna msemmija fil-paragrafu 1;

– tranżazzjonijiet imwettqa minn maniġer ta' portafoll jew persuna oħra f'isem persuna msemmija fil-paragrafu 1, inkluż fejn dak il-maniġer jew persuna oħra żżomm id-diskrezzjoni.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal tranżazzjonijiet li jammontaw għal anqas minn EUR 20 000 matul il-perjodu ta' sena kalendarja.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal kwalunkwe pjattaforma ta' rkantar, irkantatur jew sorveljatur tal-irkanti fir-rigward tal-irkantar ta' kwoti tal-emissjonijiet jew ta' prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li jsiru skont ir-Regolament Nru 1031/2010.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 31, miżuri li jimmodifikaw il-limitu fil-paragrafu 3, b'kunsiderazzjoni għall-iżviluppi fis-swieq finanzjarji.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 31, miżuri li jispeċifikaw il-kompiti professjonali ta' persuni meqjusa li jwettqu responsabbiltà maniġerjali kif imsemmija fil-paragrafu 1; it-tipi ta' assoċjazzjoni, inkluż bit-twelid kif ukoll skont il-liġi ċivili u kuntrattwali, meqjusa li joħolqu rabta personali fil-qrib; il-karatteristiċi ta' tranżazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li jiskattaw dak il-kompitu; u l-informazzjoni li għandha ssir pubbliku u l-mezzi biex dan isir.

*Artikolu 15*
*Rakkomandazzjonijiet u statistiċi dwar l-investiment*

1. Persuni li jipproduċu jew ixerrdu informazzjoni li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investiment, intiża għal kanali ta' distribuzzjoni jew għall-pubbliku, għandhom jieħdu ħsieb li jiżguraw li din l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod oġġettiv, u li jiżvelaw l-interessi tagħhom jew jindikaw kunflitti ta' interess li jikkonċernaw l-istrumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni hija relatata magħhom.

2. L-istituzzjonijiet pubbliċi li jxerrdu statistiċi li x'aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq is-swieq finanzjarji għandhom ixerrduhom b'mod oġġettiv u trasparenti.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiddeterminaw l-arranġamenti tekniċi, għall-kategoriji varji ta' persuni msemmija fil-paragrafu 1, għall-preżentazzjoni oġġettiva ta' informazzjoni li tirrakkomanda strateġija tal-investiment, kif ukoll għall-iżvelar ta' interessi partikulari jew indikazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess.

L-AETS għandha tressaq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament 1095/2010.

# KAPITOLU 4
# L-AETS U L-AWTORITAJIET KOMPETENTI

*Artikolu 16*
*Awtoritajiet kompetenti*

Mingħajr ħsara għall-kompetenzi tal-awtoritajiet ġudizzjarji, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti amministrattiva waħdanija għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu applikati fit-territorju tagħha, rigward l-azzjonijiet kollha mwettqa fit-territorju tagħha, u dawk l-azzjonijiet imwettqa barra mill-pajjiż relatati ma' strumenti ammessi għan-negozjar f'suq regolat, li tkun saret talba għalihom biex jiġu ammessi għan-negozjar f'suq bħal dan, jew li huma nnegozjati fuq MTF jew OTF, li topera fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, l-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra dwar dan.

*Artikolu 17*
*Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom kif ġej:

(a) direttament; jew

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra jew mal-impriżi tas-suq; jew

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil dawn l-awtoritajiet jew impriżi tas-suq; jew

(d) b'applikazzjoni għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

2. Sabiex jaqdu d-dmirjiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-inqas is-setgħat superviżorji u investigatorji li ġejjin:

(a) jitolbu l-aċċess għal kwalunkwe dokument fi kwalunkwe forma, jew jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu;

(b) jitolbu informazzjoni mingħand kwalunkwe persuna, inklużi dawk li huma involuti suċċessivament fit-trażmissjoni ta' ordnijiet jew fit-twettiq tal-operazzjonijiet ikkonċernati, kif ukoll il-prinċipali tagħhom, u jekk meħtieġ, isejħu u jistaqsu lil kwalunkwe persuna bħal din bil-għan li jiksbu informazzjoni;

(c) rigward derivati dwar komoditajiet, jitolbu informazzjoni minn parteċipanti tas-suq dwar swieq spot relatati skont il-formati standardizzati, jiksbu rapporti dwar tranżazzjonijiet, u jkollhom aċċess dirett għas-sistemi tan-negozjanti;

(d) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post, mhux f'bini privat, b'avviż jew mingħajr avviż;

(e) wara li jiksbu l-awtorizzazzjoni prevja mingħand l-awtorità ġuridika tal-Isat Membru kkonċernat skont il-liġi nazzjonali, u fejn hemm suspett raġonevoli li dokumenti marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni jistgħu jkunu relevanti bħala evidenza ta' każ ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' maniuplazzjoni tas-suq bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva [MAD ġdida], jidħlu fi proprjetà privats sabiex jikkonfiskaw dokumenti ta' kwalunkwe forma;

(f) jitolbu rekords eżistenti tat-telefown jew rekords eżistenti tat-traffiku tad-dejta miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew minn kumpanija tal-investiment, fejn ikun hemm suspett raġonevoli li tali rekords, marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni, jistgħu jkunu relevanti bħala evidenza ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq kif iddefiniti fid-Direttiva [MAD ġdida], bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva [MAD ġdida]; madankollu, dawn ir-rekords ma għandhomx jikkonċernaw il-kontenut tal-komunikazzjonijiet li jirreferu għalihom.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u investigatorji msemmija fil-paragrafu 2 skont il-liġi nazzjonali.

4. L-ipproċessar tad-dejta personali miġbura fl-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigatorji skont dan l-Artikolu għandhom jitwettqu skont id-Direttiva 95/46/KE.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigatorji li jkunu jeħtieġu biex iwettqu dmirijiethom.

*Artikolu 18*
*Kooperazzjoni mal-AETS*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-AETS għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-AETS, mingħajr dewmien, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tissottometti l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1095/2010.

*Artikolu 19*
*Obbbligu ta' kooperazzjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-AETS fejn ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u l-AETS, u, mingħajr dewmien żejjed, jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw f'attivitajiet ta' investigazzjoni u infurzar. Din il-kooperazzjoni u għajnuna għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-Kummissjoni b'rabta mal-iskambju ta' informazzjoni dwar komoditajiet li huma prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat.

2. L-awtoritajiet kompetenti u l-AETS għandhom jikkoperaw mal-ACER u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri biex jiżguraw li jittieħed approċċ koordinat għall-infurzar tar-regoli relevanti fejn it-tranżazzjonijiet, l-ordnijiet għan-negozjar jew azzjonijiet jew imġiba oħra jkunu relatati ma' strument finanzjarju wieħed jew aktar li japplika għalihom dan ir-Regolament, kif ukoll għal prodott wieħed jew aktar ta' enerġija tal-operaturi li japplikaw għalihom l-Artikoli 3, 4 u 5 tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi]. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi tad-definizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi], kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4 u 5 tar-[Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Suq tal-Enerġija tal-Operaturi], meta jiġu biex japplikaw l-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament għall-istrumenti finanzjarji marbutin mal-prodotti ta' enerġija tal-operaturi.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-iskop imsemmi fil-paragrafu 1.

4. Meta awtorità kompetenti tkun konvinta li atti li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qed ikunu, jew kienu, imwettqa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, jew li ċerti azzjonijiet qegħdin jaffettwaw strumenti finanzjarji nnegozjati f'post tan-negozjar li jinsab fi Stat Membru ieħor, għandha tinnotifika dak il-fatt bl-iktar mod speċifiku possibbli lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor u lill-AETS, u fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija tal-operaturi, lill-ACER. L-awtoritajiet kompetenti tad-diversi Stati Membri involuti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin u mal-AETS, u fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija tal-operaturi, lill-ACER, dwar l-azzjoni xierqa li għandhom jieħdu, u għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-iżviluppi sinifikanti li jsiru sadanittant. Għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni possibbli meta japplikaw il-miżuri, sanzjonijiet u multi amministrattivi għal dawk il-każijiet transkonfinali skont l-Artikoli 24, 25, 26, 27 u 28, u għandhom jgħinu lil xulxin fl-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħhom.

5. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed tista' titlob l-għajnuna tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor rigward spezzjonijiet jew investigazzjonijiet fuq il-post.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-AETS bi kwalunkwe talba msemmija fl-ewwel subparagrafu. Fil-każ ta' investigazzjoni jew spezzjoni b'effett transkonfinali, l-AETS, jekk tintalab tagħmel dan minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti, għandha tikkoordina l-investigazzjoni jew l-ispezzjoni.

Fejn awtorità kompetenti tirċievi talba mingħand awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex twettaq spezzjoni jew investigazzjoni fuq il-post, tista' tieħu kwalunkwe azzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) twettaq l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post hi stess;

(b) tippermetti lill-awtorità kompetenti li bagħtet it-talba tipparteċipa fl-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post;

(c) tippermetti lill-awtorità kompetenti li bagħtet it-talba twettaq l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post hi stess;

(d) taħtar awdituri jew esperti biex iwettqu spezzjoni jew investigazzjoni fuq il-post;

(e) taqsam kompiti speċifiċi relatati ma' attivitajiet superviżorji mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

6. Bla ħsara għall-Artikolu 258 tat-TFUE, awtorità kompetenti li t-talba tagħha għal informazzjoni jew għajnuna skont il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ma ssirx azzjoni fuqha fi żmien raġonevoli, jew li t-talba tagħha għal informazzjoni jew għajnuna tiġi rrifjutata, tista' tirreferi dak ir-rifjut jew nuqqas ta' azzjoni fi żmien raġonevoli lill-AETS.

Fis-sitwazzjonijiet imsemmija, l-AETS tista' taġixxi skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, bla ħsara għall-possibbiltà li l-AETS taġixxi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji relevanti nazzjonali u ta' pajjiżi terzi responsabbli għas-swieq spot relatati meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li azzjonijiet, li jikkostitwixxu abbuż tas-suq skont l-Artikolu 2, ikunu qegħdin isiru jew saru. Din il-kooperazzjoni għandha tiżgura ħarsa ġenerali kkonsolidata tas-swieq finanzjarji u spot, u tidentifika u tissanzjona l-abbużi tas-suq kemm bejn is-swieq kif ukoll bejn il-fruntieri.

Rigward il-kwoti tal-emissjonijiet, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni pprovduti taħt is-subparagrafu preċedenti għandhom jiġu żgurati wkoll bi:

(a) is-sorveljatur tal-irkant, rigward l-irkanti ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li jsiru skont ir-Regolament Nru 1031/2010;

(b) awtoritajiet kompetenti, amministraturi tar-reġistru, inkluż l-Amministratur Ċentrali, u korpi pubbliċi oħra inkarigati biex jissorveljaw il-konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.

L-AETS għandha twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni rigward il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri u pajjiżi terzi oħra. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, kull fejn possibbli, jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi responsabbli għas-swieq spot relatati skont l-Artikolu 20.

8. L-iżvelar tad-dejta personali lil pajjiż terz għandu jkun irregolat bl-Artikoli 22 u 23.

9. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni u għajnuna kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tissottometti l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1095/2010.

### *Artikolu 20*
### *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn meħtieġ, għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi u l-infurzar ta' obbligi li jirriżultaw taħt dan ir-Regolament f'pajjiżi terzi. Dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw mill-inqas skambju effiċjenti ta' informazzjoni li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament.

Awtorità kompetenti għandha tinforma lill-AETS u lil awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri meta tipproponi li tidħol f'arranġament bħal dan.

2. L-AETS għandha tikkoordina l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti relevanti ta' pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, l-AETS għandha tipprepara dokument mudell għal arranġamenti ta' kooperazzjoni li jista' jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

L-AETS għandha tikkoordina wkoll l-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ta' informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li tista' tkun rilevanti għat-teħid ta' miżuri skont l-Artikoli 24, 25, 26, 27 u 28.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali

li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 21. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun maħsub għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

4. L-iżvelar tad-dejta personali lil pajjiż terz għandu jkun irregolat bl-Artikoli 22 u 23.

*Artikolu 21*
*Is-segretezza professjonali*

1. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali rċevuta, skambjata jew trażmessa skont dan ir-Regolament għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali stabbiliti fil-paragrafu 2 u 3.

2. L-obbligu tas-segretezza professjonali japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtorità kompetenti jew għal kwalunkwe awtorità jew impriża tas-suq li l-awtorità kompetenti ddelegat is-setgħat lilha, inklużi awdituri u esperti kkuntrattati mill-awtorità kompetenti. L-informazzjoni koperta b'segretezza professjonali ma tistax tiġi żvelata lill-ebda persuna jew awtorità oħra ħlief permezz tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi.

3. L-informazzjoni kollha skambjata fost l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament għandha titqies kunfidenzjali, ħlief fejn l-awtorità kompetenti tiddikjara fil-ħin tal-komunikazzjoni li l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, jew fejn tali żvelar ikun meħtieġ għal proċeduri legali.

*Artikolu 22*
*Il-protezzjoni tad-dejta*

Rigward l-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-Istati Membri fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-AETS fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-AETS għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Id-dejta personali għandha tinżamm għal perjodu massimu ta' 5 snin.

*Artikolu 23*
*L-iżvelar ta' dejta personali lil pajjiżi terzi*

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tittrasferixxi dejta personali lil pajjiż terz sakemm jintlaħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari l-Artikoli 25 jew 26, u biss fuq bażi ta' każ b'każ. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tiżgura li t-trasferiment ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-pajjiż terz ma jittrasferixxix dejta lejn pajjiż terz ieħor sakemm ma jingħatax awtorizzazzjoni espressa bil-miktub u jikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. Id-dejta personali tista' tiġi trasferita biss lil pajjiż terz li jipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tiżvela biss informazzjoni riċevuta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor lil awtorità kompetenti ta' pajjiż terz fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tkun kisbet qbil espliċitu mill-awtorità kompetenti li tkun ittrasmettiet l-informazzjoni u, fejn applikabbli, l-informazzjoni tiġi żvelata biss għall-finijiet li għalihom dik l-awtorità kompetenti tat il-kunsens tagħha.

3. Fejn ftehim ta' kooperazzjoni jipprovdi għall-iskambju ta' dejta personali, għandu jikkonforma mad-Direttiva 95/46/KE.

# KAPITOLU 5
# Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi

*Artikolu 24*
*Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar miżuri u sanzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-persuni responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-miżuri u s-sanzjonijiet stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-AETS. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-AETS mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li ssir fihom.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' sanzjonar tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li l-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi jipproduċu r-riżultati mixtieqa ta' dan ir-Regolament, u jikkordinaw l-azzjoni tagħhom sabiex jiġi evitat li d-duplikazzjoni possibbli meta jiġu applikati miżuri u sanzjonijiet amministrattivi u multi għal każijiet transkonfinali skont l-Artikolu 19.

*Artikolu 25*
*Setgħat ta' sanzjonar*

Dan l-Artikolu għandu japplika fiċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin:

(a) persuna tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata bi ksur tal-Artikolu 9;

(b) persuna tirrakkomanda jew tinduċi lil persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata bi ksur tal-Artikolu 9;

(c) persuna tiżvela informazzjoni privileġġata b'mod mhux xieraq bi ksur tal-Artikolu 9;

(d) persuna tinvolvi ruħha f'manipulazzjoni tas-suq bi ksur tal-Artikolu 10;

(e) persuna tipprova tinvolvi ruħha f'manipulazzjoni tas-suq bi ksur tal-Artikolu 10;

(f) persuna li topera n-negozju ta' post għan-negozjar tonqos milli tadotta u żżomm arranġamenti u proċeduri effettivi mmirati lejn il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' prattiki ta' manipulazzjoni tas-suq, bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(g) persuna li professjonalment tirranġa u twettaq tranżazzjonijiet ma jkollhiex fis-seħħ sistemi biex jidentifikaw u jirrappurtaw tranżazzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu abbuż minn informazzjoni privileġġata, manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq, jew ma tinnotifikax ordnijiet jew tranżazzjonijiet suspettużi lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien, bi ksur tal-Artikolu 11(2);

(h) emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, ma jinfurmax lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun dwar informazzjoni privileġġata jew ma jqegħidx fuq is-sit tal-internet tiegħu informazzjoni privileġġata li għandha tiġi żvelata pubblikament, bi ksur tal-Artikolu 12(1);

(i) emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, jittardja l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata meta tali dewmien x'aktarx li jqarraq bil-pubbliku, jew mingħajr ma jiżgura l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 12(2);

(j) emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, ma jinformax lill-awtorità kompetenti li l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata jkun ġie ttardjat, bi ksur tal-Artikolu 12(2);

(k) emittent ta' strument finanzjarju jew parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, jew persuna li taġixxi f'ismu jew għall-kont tiegħu, ma tiżvelax lill-pubbliku l-informazzjoni privileġġata żvelata lil kwalunkwe persuna fit-twettiq normali tad-dmirijiet li jirriżultaw mill-impjieg jew mill-professjoni tagħha, bi ksur tal-Artikolu 12(4);

(l) emittent ta' strument finanzjarju, parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, jew persuna li taġixxi f'ismu jew għall-kont tiegħu, ma tfassalx, ma taġġornax regolarment jew ma tittrażmettix lill-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, bi ksur tal-Artikolu 13(1);

(m) persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdan emittent ta' strumenti finanzjarji, parteċipant f'suq ta' kwoti tal-emissjonijiet, mhux eżenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12, jew persuna assoċjata mill-qrib magħhom, ma tagħmilx pubblika l-eżistenza ta' tranżazzjonijiet imwettqa għall-kont tagħha stess, bi ksur tal-Artikolu 14(1) u (2);

(n) persuna li tipproduċi jew ixxerred informazzjoni li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investiment, maħsuba għal kanali ta' distribuzzjoni jew għall-pubbliku, ma tiħux ħsieb b'mod raġonevoli li tiżgura li l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod oġġettiv, jew li tiżvela interessi jew kunflitti ta' interess, bi ksur tal-Artikolu 15(1);

(o) persuna li taħdem jew ħadmet għal awtorità kompetenti, jew għal kwalunkwe awtorità jew impriża tas-suq li l-awtorità kompetenti tkun iddelegat lilha kompiti tagħha, tiżvela informazzjoni koperta bis-segretezza professjonali bi ksur tal-Artikolu 21;

(p) persuna ma tagħtix lill-awtorità kompetenti aċċess għal dokument u permess biex tipprovdi kopja tiegħu, mitluba skont l-Artikolu 17(2)(a);

(q) persuna tonqos milli tipprovdi informazzjoni jew ma tirrispondix għal taħrika mitluba mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 17(2)(b);

(r) parteċipant tas-suq ma jipprovdix lill-awtorità kompetenti informazzjoni relatata ma' derivati ta' komoditajiet jew ma' rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi, jew ma jagħtix aċċess dirett għas-sistemi tan-negozjanti, mitlub skont l-Artikolu 17(2)(c);

(s) persuna tonqos milli tagħti aċċess għal sit għall-ispezzjoni, mitlub mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 17(2)(d);

(t) persuna tonqos milli tagħti aċċess għal rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-dejta, mitlub skont l-Artikolu 17(2)(f);

(u) persuna tonqos milli tikkonforma ma' talba mill-awtorità kompetenti biex twaqqaf prattika li tmur kontra dan ir-Regolament, milli tissuspendi n-negozjar ta' strumenti finanzjarji, jew li tippubblika dikjarazzjoni korrettiva;

(v) persuna twettaq attività meta tkun ipprojbita milli tagħmilha mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 26*
*Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi*

1. Bla ħsara għas-setgħat superviżorji ta' awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 17, fil-każ ta' ksur imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għandu jkollhom is-setgħa li jimponu mill-inqas il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi li ġejjin:

(a) ordni li teħtieġ li l-persuna responsabbli għall-ksur twaqqaf l-aġir u ma tirrepetix dan l-aġir;

(b) miżuri li għandhom jiġu applikati għal nuqqas ta' kooperazzjoni f'investigazzjoni koperta bl-Artikolu 17;

(c) miżuri li għandhom l-effett li jtemmu ksur kontinwu ta' dan ir-Regolament u jeliminaw l-effetti tiegħu;

(d) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur, ippubblikata fuq il-websajt tal-awtoritajiet kompetenti;

(e) korrezzjoni ta' informazzjoni żvelata falza jew qarrieqa, inkluż billi kwalunkwe emittent jew persuna oħra li ppubblikat jew xerrdet informazzjoni falza jew qarrieqa tiġi ordnata tippubblika dikjarazzjoni korrettiva;

(f) projbizzjoni temporanja ta' attività;

(g) irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' kumpanija ta' investiment kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva [MiFID il-ġdida];

(h) projbizzjoni temporanja kontra kwalunkwe membru ta' korp ta' kumpanija tal-investiment jew kwalunkwe persuna naturali oħra, li jinżamm responsabbli, sabiex jeżerċita funzjonijiet f'kumpaniji tal-investiment;

(i) sospensjoni tan-negozjar tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati;

(j) talba għall-iffriżar u/jew is-sekwestru tal-assi;

(k) sanzjonijiet amministrattivi monetarji ta' mhux iktar minn darbtejn l-ammont tal-profitti miksuba jew it-telf evitat minħabba l-ksur fejn dawk ikunu jistgħu jiġu determinati;

(l) fir-rigward ta' persuna naturali, sanzjonijiet amministrattivi monetarji ta' mhux iktar minn [EUR 5 000 000], jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(m) fir-rigward ta' persuna ġuridika, sanzjonijiet amministrattivi monetarja ta' mhux iktar minn 10 % tal-fatturat annwali totali tagħha fis-sena kummerċjali preċedenti; fejn il-persuna ġuridika tkun sussidjarja ta' impriża prinċipali [kif iddefinit fl-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 83/349/KEE], il-fatturat rilevanti annwali totali għandu jkun il-fatturat totali annwali li jirriżulta mill-kont konsolidat tal-impriża prinċipali aħħarija fis-sena kummerċjali preċedenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jingħatawlhom setgħat oħra ta' sanzjonijiet b'żieda ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 2, u jistgħu jipprovdu għal livelli ogħla ta' sanzjonijiet amministrattivi monetarji minn dawk stabbiliti f'dak il-paragrafu.

3. Kull miżura u sanzjoni amministrattiva imposta għal ksur ta' dan ir-Regolament għandha tkun ippubblikata, mingħajr dewmien żejjed, bl-inklużjoni ta' mill-inqas l-informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli, sakemm din il-pubblikazzjoni ma tippperikolax serjament l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji. Fejn il-pubblikazzjoni tista' tikkawża ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw il-miżuri u s-sanzjonijiet fuq bażi anonima.

*Artikolu 27*
*L-applikazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet*

1. Meta jiġu biex jiddeterminaw it-tip ta’ miżuri u sanzjonijiet amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inklużi:

(a) is-serjetà u d-dewmien tal-ksur;

(b) il-grad ta’ responsabbiltà tal-persuna responsabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew mid-dħul annwali tal-persuna naturali responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat mill-persuna responsabbli, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu determinati;

(e) il-livell ta’ kooperazzjoni tal-persuna responsabbli mal-awtorità kompetenti, bla ħsara għall-ħtieġa li jiġi żgurat ċediment ("disgorgement") tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(f) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli.

Jistgħu jiġu kkunsidrati fatturi addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti, jekk dawn il-fatturi jkunu speċifikati fil-liġi nazzjonali.

2. L-AETS għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru (UE) 1095/2010 dwar it-tipi ta’ miżuri u sanzjonijiet amministrattivi u l-livell tal-multi.

*Artikolu 28*
*Appell*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament ikunu soġġetti għad-dritt ta’ appell.

*Artikolu 29*
*Ir-rappurtar tal-ksur*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex iħeġġu rappurtar ta’ ksur ta’ dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti, inklużi mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċeviment ta’ rapporti ta’ ksur u s-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni xierqa għall-persuni li jirrappurtaw ksur potenzjali jew reali;

(c) protezzjoni ta’ dejta personali li tikkonċerna kemm il-persuna li tirrapporta l-ksur potenzjali jew reali, kif ukoll il-persuna akkużata b’konformità mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE;

(d) proċeduri xierqa biex jiżguraw id-dritt tal-persuna akkużata għad-difiża u li tinstema' qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li tikkonċerna lilha, u d-dritt li tfittex rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li tikkonċerna lilha.

2. Inċentivi finanzjarji għal persuni li joffru informazzjoni importanti dwar ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament jistgħu jingħataw skont il-liġi nazzjonali fejn tali persuni ma jkollhomx dmir legali jew kuntrattwali preeżistenti li tirrapporta tali informazzjoni, li l-informazzjoni hija ġdida, u li tirriżulta fl-impożizzjoni ta' sanzjoni jew miżura amministrattiva, jew sanzjoni kriminali, għal ksur ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 33, miżuri li jispeċifikaw aħjar il-proċeduri, il-mekkaniżmi u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi l-modalitajiet tar-rappurtar u l-modalitajiet għas-segwitu tar-rapporti, il-miżuri għall-protezzjoni tal-persuni.

*Artikolu 30*
*L-iskambju ta' informazzjoni mal-AETS*

1. L-awtoritajiet kompetenti u ġudizzjarji għandhom jipprovdu lill-AETS, kull sena, informazzjoni aggregata dwar il-miżuri, sanzjonijiet u multi amministrattivi kollha imposti skont l-Artikoli 24, 25, 26, 27, 28 u 29. L-AETS għandha tippubblika din l-informazzjoni f'rapport annwali.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tkun żvelat miżuri, sanzjonijiet u multi amministrattivi lill-pubbliku, għandha fl-istess ħin tirrapporta dawk il-miżuri u sanzjonijiet amministrattivi u l-multi lill-AETS.

3. Fejn miżura, sanzjoni u multa amministrattiva ppubblikata tkun relatata ma' kumpanija tal-investiment awtorizzata skont id-Direttiva [MiFID ġdida], l-AETS għandha żżid referenza għas-sanzjoni ppubblikata fir-reġistru tal-kumpaniji tal-investiment stabbilit skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva [MiFID ġdida].

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tissottometti l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [...].

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1095/2010.

# KAPITOLU 6
# ATTI DELEGATI

*Artikolu 31*
*Id-delega tas-setgħat*

Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 32 fir-rigward tas-supplimentar u l-emendar tal-kundizzjonijiet għall-programmi ta' riakkwist u l-istabbilizzazzjoni ta' strumenti finanzjarji, id-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament, il-kundizzjonijiet għat-tfassil ta' listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, il-kundizzjonijiet relatati mat-tranżazzjonijiet maniġerjali, u l-arranġamenti għall-persuni li jipprovdu informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta' ksur ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 32*
*L-eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi konferita għal perjodu ta' żmien mhux determinat mid-data msemmija fl-Artikolu 36(1).

3. Id-delega ta' setgħat tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ il-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Dan m'għandux jaffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikaha simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

# KAPITOLU 7
# ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 33*
*Il-proċedura tal-Kumitat*

1. Għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 29(3), il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna tal-Kumitat Ewropew għat-Titoli, imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE[40]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[41].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tiegħu.

# KAPITOLU 8
# DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

*Artikolu 34*
*Revoka tad-Direttiva 2003/6/KE*

Id-Direttiva 2003/6/KE għandha titħassar b'effett minn [*24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. Ir-referenzi għad-Direttiva 2003/6/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 35*
*Dispożizzjonijiet tranżizzjonali*

Prattiki tas-suq eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003[42] bil-għan li jiġi applikat il-punt 2(a) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/6/KE, jistgħu jibqgħu japplikaw sa [*12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] sakemm jiġu nnotifikati lill-AETS mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 36*
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ [fl-għoxrin jum wara dak] tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika minn [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ħlief għall-Artikoli 3(2), 8(5), 11(3), 12(9), 13(4), 13(6), 14(5), 14(6), 15(3), 18(9), 19(9), 28(3) u 29(3), li għandhom japplikaw immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

---

[40] ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45.
[41] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[42] ĠU L 162, 29.4.2004, p. 72.

Dan ir-Regolament għandu jorbot bis-sħiħ u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS I

### A. Indikaturi ta' mġiba manipulattiva relatata ma' sinjali foloz jew qarrieqa u l-iżgurar tal-prezzijiet

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, u bla ħsara għall-eżempji stabbiliti fil-paragrafu 3 tiegħu, l-indikaturi mhux eżawrjenti li ġejjin, li mhux neċessarjament għandhom jitqiesu fihom infushom li jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq, għandhom jitqiesu meta jiġu eżaminati t-tranżazzjonijiet jew l-ordnijiet għan-negozjar mill-parteċipanti tas-suq u l-awtoritajiet kompetenti:

(a) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-volum ta' kuljum tat-tranżazzjonijiet fl-istrument finanzjarju relevanti, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, b'mod partikulari meta dawn l-attivitajiet iwasslu għal bidla sinifikanti fil-prezzijiet tagħhom;

(b) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni b'pożizzjoni sinifikanti ta' xiri jew bejgħ fi strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, iwasslu għal tibdil sinifikanti fil-prezz ta' dak l-istrument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq il-kwoti tal-emissjonijiet;

(c) jekk it-tranżazzjonijiet imwettqa jwasslux għall-ebda bidla fil-pussess benefiċjarju ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet;

(d) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jinkludu treġġigħ lura tal-pożizzjoni f'perjodu qasir u jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-volum ta' kuljum tat-tranżazzjonijiet fl-istrument finanzjarju relevanti, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, u jistgħu jkunu assoċjati ma' tibdil sinifikanti fil-prezz ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott rkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet;

(e) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jkunu kkonċentrati fi żmien qasir fis-sessjoni tan-negozjar u jwasslu għal tibdil fil-prezz li sussegwentement jitreġġa' lura;

(f) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jbiddlu r-rappreżentazzjoni tal-aqwa offerta jew joffru prezzijiet fi strument finanzjarju, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, jew b'mod iktar ġenerali r-rappreżentazzjoni tal-ktieb tal-ordnijiet disponibbli għall-parteċipanti tas-suq, u jitneħħew qabel ma jitwettqu;

(g) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa fiż-żmien jew madwar żmien speċifiku meta l-prezzijiet ta' referenza, prezzijiet ta' qbil u valutazzjonijiet jiġu kkalkulati u jwasslu għal bidliet fil-prezzijiet li jkollhom effett fuq dawn il-prezzijiet jew valutazzjonijiet.

**B. Indikaturi ta' mġiba manipulattiva relatata mal-użu ta' elementi fittizju jew kull forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, u bla ħsara għall-forom ta' mġiba msemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 3 tiegħu, l-indikaturi mhux eżawrjenti li ġejjin, li m'għandhomx neċessarjament jitqiesu fihom infushom li jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq, għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni meta tranżazzjonijiet jew ordnijiet għan-negozjar jiġu eżaminati mill-parteċipanti tas-suq u l-awtoritajiet kompetenti:

(a) jekk l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni humiex preċeduti jew segwiti b'tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa mill-istess persuni jew persuni marbuta magħhom;

(b) jekk l-ordnijiet għan-negozjar humiex mogħtija jew it-tranżazzjonijiet humiex imwettqa minn persuni qabel jew wara li l-istess persuni jew persuni marbuta magħhom jipproduċu jew ixerrdu rakkomandazzjonijiet ta' investiment li jkunu żbaljati jew ippreġudikati jew viżibbilment influwenzati minn interess materjali.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

### 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

### 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kumpatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

3.2.5. Parteċipazzjoni tal-partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sanzjonijiet kriminali għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)

### 1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[43]

Suq Intern – Swieq finanzjarji

### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[44]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni oħra**

### 1.4. Għanijiet

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/iċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirati mill-proposta/inizjattiva*

L-għanijiet ġenerali tar-Regolament u d-Direttiva tal-Abbuż tas-Suq huma li jżidu l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur billi jipprojbixxu lil dawk li jkollhom informazzjoni privileġġata milli jinnegozjaw fi strumenti finanzjarji relatati, u billi jipprojbixxu l-manipulazzjoni tas-swieq finanzjarji permezz ta' prattiki bħat-tixrid ta' informazzjoni falza jew għajdut u t-twettiq ta' negozjar li jiżgura l-prezzijiet fuq livelli anormali, filwaqt li jiżguraw sett ta' regoli wieħed u kundizzjonijiet ekwi, u jżidu l-attrattività tas-swieq tat-titoli għaż-żieda tal-kapital għall-emittenti fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs.

*1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Għan speċifiku Nru ...

Fid-dawl tal-għanijiet ġenerali ta' hawn fuq, l-għanijiet politiċi aktar speċifiċi li ġejjin huma relevanti:

- Kun żgur li r-Regolament u d-Direttiva jimxu mal-pass tal-iżviluppi tas-suq;

[43] ABM: Ġestjoni Bażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.
[44] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Kun żgur li jkun hemm infurzar effiċjenti tar-regoli tal-abbuż tas-suq;

- Tejjeb l-effettività tar-reġim tal-abbuż tas-suq billi tiżgura aktar ċarezza u ċertezza legali;

- Naqqas il-piżijiet amministrattivi meta jkun possibbli, speċjalment għal emittenti fuq swieq tal-SMEs.

Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

L-għanijiet speċifiċi msemmija hawn fuq jeħtieġu l-kisba tal-għanijiet operattivi li ġejjin:

- Impedixxi l-abbuż tas-suq fi swieq organizzati, pjattaformi u tranżazzjonijiet OTC;

- Impedixxi l-abbuż tas-suq fi swieq tal-komoditajiet u derivati relatati;

- Kun żgur li r-regolaturi jkollhom l-informazzjoni u s-setgħat meħtieġa sabiex jinfurzaw effettivament;

- Kun żgur li s-sanzjonijiet ikunu konsistenti, effettivi u dissważivi;

- Naqqas jew neħħi l-għażliet u d-diskrezzjonijiet;

- Iċċara ċerti kunċetti ewlenin.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni/ja*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| L-impatt ġenerali tal-proposti se jwassal għal titjib konsiderevoli fil-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq fl-UE. L-ewwel nett, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur se jitjiebu billi jiġi ċċarat liema strumenti finanzjarji u swieq huma koperti, filwaqt li jkun żgurat li l-istrumenti ammessi għan-negozjar biss fuq MTF u tipi ġodda oħra ta' faċilitajiet ta' negozjar organizzat huma koperti. Barra minn hekk, dan se jtejjeb il-protezzjoni kontra l-abbuż tas-suq fid-derivati tal-komoditajiet permezz ta' titjib fit-trasparenza tas-suq. Għandhom jiżguraw ukoll l-identifikazzjoni aħjar tal-abbuż tas-suq billi joffru s-setgħat meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-investigazzjonijiet u jtejbu l-iskoraġġiment ta' reġimi ta' sanzjonijiet billi jintroduċu prinċipji minimi għal miżuri amministrattivi ta' sanzjonijiet u jirrikjedu l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali. Barra minn hekk, dan se jwassal għal approċċ aktar koerenti dwar l-abbuż tas-suq billi jitnaqqsu l-għażliet u d-diskrezzjonijiet għall-Istati Membri, u se jintroduċi reġim proporzjonat għall-emittenti fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs. Kollox ma' kollox, huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-integrità mtejba tas-swieq finanzjarji, li se jkollu impatt pożittiv fuq il-fiduċja tal-investituri, u dan se jkompli jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja tas-swieq finanzjarji. |

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

| |
|---|
| L-indikaturi u s-sorsi ta' informazzjoni ewlenin li jistgħu jintużaw fl-evalwazzjoni huma dawn li ġejjin:<br><br>- Dejta minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar għadd ta' każijiet ta' abbuż tas-suq li jkunu investigaw u ssanzjonaw; and<br><br>- Rapport (li jista' jsir mill-AETS) dwar l-esperjenza miksuba mir-regolaturi fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni. |

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jintlaħaq/qu fi żmien qasir jew fit-tul*

| |
|---|
| Fi żmien qasir:<br><br>- Kun żgur li r-regolaturi jkollhom l-informazzjoni u s-setgħat meħtieġa biex jinfurzaw b'mod effiċjenti;<br><br>- Kun żgur li s-sanzjonijiet ikunu konsistenti, effettivi u dissważivi;<br><br>- Naqqas jew neħħi l-għażliet u d-diskrezzjonijiet;<br><br>- Iċċara ċerti kunċetti ewlenin.<br><br>Fit-tul:<br><br>- Impedixxi l-abbuż tas-suq fi swieq organizzati, pjattaformi u tranżazzjonijiet OTC; |

- Impedixxi abbuż tas-suq fi swieq ta' komoditajiet u ta' derivati relatati.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Għalkemm il-problemi kollha mfissra fil-Valutazzjoni tal-Impatt għandhom implikazzjonijiet importanti għal kull Stat Membru individwali, l-impatt globali tagħhom jista' jkun kompletament ipperċepit biss f'kuntest transkonfinali. Dan huwa minħabba li l-abbuż tas-suq jista' jitwettaq kull fejn dak l-istrument ikun elenkat, jew OTC, u għalhekk anke fi swieq apparti s-suq primarju tal-istrument ikkonċernat. Għalhekk, hemm riskju reali li r-reazzjonijiet nazzjonali għall-abbuż tas-suq jiġu evitati jew ma jkunux effiċjenti fin-nuqqas ta' azzjoni fuq il-livell tal-UE. Barra minn hekk, approċċ konsistenti huwa essenzjali sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju, u peress li din il-kwistjoni diġà hija koperta mill-acquis tad-Direttiva attwali dwar l-Abbuż tas-Suq, l-indirizzar tal-problemi enfażizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatt jista' jinkiseb aħjar bi sforz komuni.

*1.5.3. Tagħlim minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-proposta għal dan ir-Regolament tibni fuq id-Direttiva eżistenti tal-Abbuż tas-Suq, li wriet xi limiti fl-applikazzjoni tagħha, u ġiet applikata b'modi differenti fost l-Istati Membri; dan wassal għall-ħtieġa ta' reviżjoni fil-forma ta' Regolament u Direttiva.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Ġunju 2010 dwar Regolamentazzjoni tas-Servizzi Finanzjarji għat-Tkabbir Sostenibbli[45], il-Kummissjoni se tlesti l-programm sħiħ tagħha ta' riforma finanzjarja fix-xhur li ġejjin. Mill-proposti eżistenti jew pendenti elenkati fil-Komunikazzjoni, ammont minnhom huma relatati ma' din l-inizjattiva u se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha ta' titjib tal-protezzjoni tal-investituri u t-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità tas-suq.

Il-proposta għal Regolament dwar il-bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu tinkludi reġim ta' żvelar ta' bejgħ bin-nieqes li jagħmilha aktar faċli għar-regolaturi li jidentifikaw każijiet possibbli ta' manipulazzjoni tas-suq jew abbuż minn informazzjoni privileġġata marbuta mal-bejgħ bin-nieqes[46].

Il-proposta għal Regolament dwar dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet, se żżid ukoll it-trasparenza ta' pożizzjonijiet sinifikanti fid-derivati OTC; dan se jgħin lir-regolaturi jissorveljaw abbuż tas-suq permezz tal-użu ta' derivati[47].

Ir-reviżjoni tad-Direttiva tas-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji se tqis l-għażliet biex jitwessa' l-ambitu attwali ta' rappurtar relatat ma' tranżazzjonijiet fi strumenti nnegozjati biss fuq il-faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTF) u r-rappurtar ta' tranżazzjonijiet 'over-the-counter' (OTC), inklużi derivati. Ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' tranżazzjonijiet OTC fi strumenti li mhumiex ammessi għan-negozjar f'suq regolat bħalissa mhux

45 (COM(2010) 301) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew - Ir-regolazzjoni tas-servizzi finanzjarji għat-tkabbir ekonomiku, Ġunju 2010.

46 (COM(2010) 482) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu, Settembru 2010.

47 (COM(2010) 484) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet, Settembru 2010.

obbligatorju, u dan ir-rappurtar jagħmilha aktar faċli għar-regolaturi jidentifikaw abbuż tas-suq possibbli permezz ta' strumenti bħal dawn[48].

Il-kwistjonijiet ta' rekwiżiti ta' trasparenza u l-imġiba manipulattiva speċifiċi għas-swieq fiżiċi tal-enerġija, kif ukoll ir-rappurtar tat-tranżazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-swieq tal-enerġija, huma s-suġġett tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-integrità u t-trasparenza tas-suq tal-enerġija[49].

48 (COM(2011) XXX)

49 (COM(2010) 484) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija, Diċembru 2010.

### 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **dewmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX/]SSSS sa [JJ/XX/]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **dewmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwit minn operazzjoni bis-sħiħ.

### 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[50]

☒ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[51]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(li għandhom jiġu speċifikati)***

*Jekk jiġi indikat iktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi aktar dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| // |

[50] Id-dettalji dwar il-modi tal-ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

[51] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-Artikolu 81 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq jipprovdi għall-evalwazzjoni tal-esperjenza miksuba bħala riżultat tal-operat tal-Awtorità fi żmien tliet snin mill-bidu effettiv tal-operat tagħha. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali li għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Saret Valutazzjoni tal-Impatt għar-riforma tas-sistema ta' superviżjoni finanzjarja fl-UE sabiex takkumpanja r-Regolamenti li jistabbilixxu l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

Ir-riżorsa addizzjonali mal-AETS prevista bħala riżultat tal-proposti attwali hija meħtieġa sabiex tippermetti lill-AETS twettaq il-kompetenzi tagħha.

1. L-AETS għandha tiżgura l-armonizzazzjoni u l-koordinazzjoni tar-regoli rigward:

- Eżenzjoni għal programmi ta' riakkwist u stabbilizzazzjoni (l-Artikolu 3);

- Arranġamenti tekniċi għall-identifikazzjoni u n-notifika ta' tranżazzjonijiet suspettużi (l-Artikolu 11);

- Mezzi tekniċi għall-iżvelar pubbliku xieraq ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 12);

- Mezzi tekniċi għall-ittardjar tal-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 12);

- Lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' avvenimenti relatati ma' emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li jistgħu jikkostitwixxu informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 12);

- Il-kontenut u l-format ta' listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 13);

- L-arranġamenti relatati mar-rakkomandazzjoni ta' investiment u mal-istatistika (l-Artikolu 15);

- Il-proċeduri u l-forom ta' skambju ta' informazzjoni fost awtoritajiet kompetenti u regolatorji tal-UE u barranin (l-Artikoli 18, 19, 20, 29).

2. Barra minn hekk, jekk mitlub minn awtorità kompetenti, l-AETS se tikkoordina l-investigazzjonijiet u l-ispezzjonijiet fost l-awtoritajiet kompetenti għal każijiet transkonfinali ta' abbuż tas-suq (l-Artikolu 19).

3. L-AETS se tikkoordina wkoll l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti relevanti ta' pajjiżi terzi. L-AETS se tħejji dokumenti mudell għal arranġamenti ta' kooperazzjoni li jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti. L-AETS se tikkordina wkoll l-iskambju fost l-awtoritajiet ta' informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi (l-Artikolu 20).

4. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-derivati dwar il-komoditajiet, l-AETS se twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fost awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri oħra u pajjiżi terzi responsabbli għal swieq spot (l-Artikolu 19).

In-nuqqas ta' din ir-riżorsa ma jkunx jiżgura twettiq f'waqtu u effiċjenti tar-rwol tal-Awtorità.

*2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)*

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll kif previst fir-Regolament tal-AETS se japplikaw ukoll fir-rigward tar-rwol tal-AETS skont il-proposta preżenti. Is-sett finali ta' indikaturi biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq se jiġi deċiż mill-Kummissjoni fiż-żmien tat-twettiq tal-ewwel evalwazzjoni meħtieġa. Għall-valutazzjoni finali, l-indikaturi kwantitattivi se jkunu importanti daqs l-evidenza kwalitattiva miġbura fil-konsultazzjonijiet. L-evalwazzjoni għandha tiġi ripetuta kull tliet snin.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika miżuri eżistenti jew previsti ta' prevenzjoni u protezzjoni.*

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom japplikaw għall-AETS mingħajr l-ebda restrizzjoni.

L-Awtorità għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej rigward investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u immedjatament għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-Awtorità.

Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun hemm bżonn, iwettqu verifiki fuq il-post fuq il-benefiċjarji ta' flus li jintefqu mill-Awtorità, kif ukoll fuq il-persunal responsabbli għall-allokazzjoni ta' dan il-flus.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

<u>Bl-ordni</u> ta' intestaturi u linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Numru [Deskrizzjoni ………………...……….]** | Diff./non-diff (52) | mill-pajjiżi tal-EFTA[53] | minn pajjiżi kandidati[54] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | 12.040401.01<br>AETS – Sussidju skont it-Titoli 1 u 2 (Persunal u nefqa amministrattiva) | Diff. | IVA | LE | LE | LE |

- Linja tal-baġit ġodda mitluba

*<u>Bl-ordni</u> ta' intestaturi u linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.*

///

52 Diff. = Differentiated appropriations / Non-Diff. = Non-differentiated appropriations
53 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
54 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*miljuni ta' EUR (sa 3 deċimali)*

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | 1A | Kompetittività għal Tkabbir u Impjieg |
|---|---|---|

| DĠ: <MARKT> | | | Sena **2013**[55] | Sena **2014** | Sena **2015** | | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| 12.0404.01 | Impenji | (1) | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |
| | Ħlasijiet | (2) | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[56] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | | (3) | **0** | **0** | **0** | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ MARKT** | Impenji | =1+1a +3 | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |

55 Is-sena N hi s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

56 L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (eks linji "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | **0** | **0** | **0** | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | **0** | **0** | **0** | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | **0** | **0** | **0** | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1A** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |

1. L-AETS se jkollha tabbozza għadd ta' abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta':

   – Eżenzjoni għal programmi ta' riakkwist u stabbilizzazzjoni (l-Artikolu 3);

   – Arranġamenti tekniċi għall-identifikazzjoni u n-notifika ta' tranżazzjonijiet suspettużi (l-Artikolu 11);

   – Mezzi tekniċi għall-iżvelar pubbliku xieraq ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 12);

   – Mezzi tekniċi għall-ittardjar tal-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 12);

   – Lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' avvenimenti relatati ma' emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq tal-SMEs li jistgħu jikkostitwixxu informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 12);

   – Il-kontenut u l-format ta' listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 13);

   – L-arranġamenti relatati mar-rakkomandazzjoni ta' investiment u mal-istatistika (l-Artikolu 15);

   – Proċeduri u forom ta' skambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti u regolatorji tal-UE u barranin (Artikoli 18, 19, 20, 29).

2. Jekk mitluba minn awtorità kompetenti, l-AETS għandha tikkoordina l-investigazzjonijiet u l-ispezzjonijiet fost l-awtoritajiet kompetenti għall-każijiet transkonfinali ta' abbuż tas-suq.

3. L-AETS se tikkoordina l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi. L-AETS se tħejji dokumenti mudell għal arranġamenti ta' kooperazzjoni li jistgħu jintużaw

mill-awtoritajiet kompetenti. L-AETS għandha tikkoordina wkoll l-iskambju bejn l-awtoritajiet ta' informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.

4. Fir-rigward tad-derivati dwar il-komoditajiet, l-AETS għandha twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u ta' kordinazzjoni għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri oħra u pajjiżi terzi oħra responsabbli għas-swieq spot.

**Jekk aktar minn intestatura waħda tkun affettwata mill-proposta/inizjattiva:**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa 3 deċimali)

| | | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | **0** | **0** | **0** | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | **0** | **0** | **0** | | | | | |
| **TOTAL DĠ <…….>** | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet) | **0** | **0** | **0** | | | | | |

miljuni ta' EUR (sa 3 deċimali)

| | | Sena **2013**[57] | Sena **2014** | Sena **2015** | | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |
| | Ħlasijiet | 0,179 | 0,327 | 0,327 | | | | | **0.832** |

57 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

L-għanijiet speċifiċi tal-proposta huma stabbiliti taħt 1.4.2. Se jintlaħqu permezz tal-miżuri leġiżlattivi proposti, li għandhom jiġu implimentati fuq il-livell nazzjonali, u bl-involviment tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

B'mod partikolari, għalkemm mhuwiex possibbli li jkunu attribwiti riżultati numeriċi konkreti għal kull għan operattiv, ir-rwol tal- AETS, flimkien ma' setgħat ġodda għar-regolaturi nazzjonali, għandu jikkontribwixxi biex iżid l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur billi jipprojbixxi lil dawk li jkollhom informazzjoni minn kummerċ fi strumenti finanzjarji relatati, u billi jipprojbixxi l-manipulazzjoni tas-swieq finanzjarji permezz ta'prattiki bħat-tixrid ta' informazzjoni falza jew għajdut u t-twettiq ta' negozji li jiżguraw il-prezzijiet f'livelli anormali. Dan il-qafas ġdid se jimpedixxi l-abbuż tas-suq fi swieq organizzati, pjattaformi u tranżazzjonijiet OTC, u fi swieq ta' komoditajiet u ta' derivati relatati. Barra minn hekk, se jiżgura li l-AETS u r-regolaturi nazzjonali jkollhom informazzjoni u setgħat meħtieġa biex jinfurzaw sanzjonijiet konsistenti, effettivi u dissważivi.

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

**Kumment:**

L-ebda riżorsi umani u amministrattivi addizzjonali m'huma se jkunu meħtieġa fid-DĠ MARKT b'riżultat tal-proposta. Ir-riżorsi attwalment imħaddma għall-insegwiment tad-MAD se jkomplu jagħmlu dan.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☒ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Il-proposta tistipula kompiti addizzjonali li għandhom jitwettqu mill-AETS. Dan se jkun jeħtieġ riżorsi addizzjonali taħt il-linja tal-baġit 12.0404.01 |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[58].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stipulat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 deċimali)

| | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | | | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament<br><br>*L-Istati Membri permezz tas-superviżuri nazzjonali tal-UE (*)* | 0,268 | 0,490 | 0,490 | | | | | 1,248 |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | 0,268 | 0,490 | 0,490 | | | | | 1,248 |

(*) Stima bbażata fuq il-mekkaniżmu ta' finanzjament attwali fl-abbozz tar-regolament tal-AETS (l-Istati Membri 60 % - il-Komunità 40 %).

58 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/inizjattiva m’għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq dħul mixxellanju

Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) u għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq).

**Metodoloġija applikata u s-suppożizzjonijiet sottostanti ewlenin**

L-ispejjeż relatati mal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-AETS li ġejjin miż-żewġ proposti ġew stmati għall-infiq tal-persunal (Titolu 1), f’konformità mal-klassifikazzjoni tal-ispiża fl-abbozz tal-baġit tal-AETS għall-2012 ippreżentat lill-Kummissjoni.

Iż-żewġ proposti tal-Kummissjoni jinkludu dispożizzjonijiet għall-AETS biex tiżviluppa xi 11-il sett ta’ standards tekniċi ġodda vinkolanti (BTS) li għandhom jiżguraw li dispożizzjonijiet ta’ natura ferm teknika jiġu implimentati b’mod konsistenti madwar l-UE. Skont il-proposti, l-AETS hija mistennija li tagħti l-BTS ġodda 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, hija meħtieġa żieda fil-livell tal-persunal mill-bidu tal-2013. Rigward in-natura tal-pożizzjonijiet, il-kunsinna ta’ suċċess u f'waqtha tal-BTS ġodda se teħtieġ, b’mod partikolari, politika addizzjonali, uffiċjali legali u tal-valutazzjoni tal-impatt.

Fuq il-bażi tal-istimi tas-servizzi tal-Kummissjoni u l-AETS, ġew applikati s-suppożizzjonijiet li ġejjin sabiex jiġi valutat l-impatt fuq għadd ta’ FTEs meħtieġa biex jiġu żviluppati BTS relatati maż-żewġ proposti:

- Uffiċjal politiku wieħed, uffiċjal ta’ valutazzjoni tal-impatt wieħed, u uffiċjal legali wieħed huma meħtieġa sal-2013.

Għalhekk, il-kunsinna tal-BTS li huma dovuti 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament teħtieġ 3 FTEs.

Fl-aħħar nett, l-AETS tkun fdata b’xi kompiti permanenti fil-qasam ta’:

- il-koordinazzjoni ta’ investigazzjonijiet u spezzjonijiet fost l-awtoritajiet kompetenti għal każijiet transkonfinali ta’ abbuż tas-suq;

- l-iżvilupp ta’ arranġamenti ta’ kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti relevanti ta’ pajjiżi terzi. L-AETS se tħejji dokumenti mudell għal arranġamenti ta’ kooperazzjoni li jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti. L-AETS se tikkoordina wkoll l-iskambju fost l-awtoritajiet tal-informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi;

- rwol ta’ faċilitazzjoni u koordinazzjoni għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni fost awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri u pajjiżi terzi oħra responsabbli għas-swieq lokali u l-kwoti tal-emissjonijiet.

B'mod ġenerali dan ifisser li 6 FTEs addizzjonali huma meħtieġa.

Suppożizzjonijiet oħra:

– fuq il-bażi tad-distribuzzjoni tal-FTEs fl-abbozz tal-baġit tal-2012, 6 FTEs addizzjonali huma preżunti li jinkludu 3 aġenti temporanji (50 %), 2 esperti nazzjonali ssekondati (33,3 %) u aġent kuntrattwali (16.7 %);

– spejjeż medji annwali tas-salarji għall-kategoriji differenti ta' persunal huma bbażati fuq il-gwida tad-DĠ BUDG;

– koeffiċjent tal-ippeżar tas-salarju għal Pariġi ta' 1.27;

– spejjeż ta' taħriġ preżunti ta' EUR 1 000 għal kull FTE kull sena;

– spejjeż tal-missjonijiet ta' EUR 10 000, stmati abbażi tal-abbozz tal-baġit tal-2012 għall-missjonijiet għal kull ħaddiem;

– spejjeż relatati mar-reklutaġġ (ivvjaġġar, lukandi, eżamijiet mediċi, installazzjoni u allowances oħra, spejjeż tal-ġarr, eċċ.) ta' EUR 12 700, stmati abbażi tal-abbozz tal-baġit tal-2012 għar-reklutaġġ ta' kull ħaddiem ġdid.

Ġie preżunt li l-ammont tax-xogħol wara ż-żieda ta' hawn fuq fl-FTEs se jinżamm mill-2014 'il quddiem, u huwa marbut mal-emenda tal-BTS diġà żviluppati.

Il-metodu tal-kalkolu tal-żieda fil-baġit meħtieġa għat-tliet snin ta' wara huwa ppreżentat b'aktar dettall fit-tabella ta' hawn taħt. Il-kalkolu jirrifletti l-fatt li l-baġit tal-Komunità jiffinanzja 40 % tal-ispejjeż.

| **Tip ta' spiża** | **Kalkolu** | **Ammont (f'eluf)** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | **2013** | **2014** | **2015** | **Total** |
| Titolu 1: Nefqa tal-persunal | | | | | |
| *6 Salarji u allowances* | | | | | |
| - li minnhom aġenti temporanji | =3*127*1,27 | 241.93 | 483.87 | 483.87 | 1209.67 |
| - li minnhom SNEs | =2*73*1,27 | 92.71 | 185.42 | 185.42 | 463.55 |
| - li minnhom aġenti kuntrattwali | =1*64*1,27 | 40.64 | 81.28 | 81.28 | 203.2 |
| *6 Infiq relatat mar-reklutaġġ* | | | | | |
| | =6*12,7 | 76.2 | | | 76.2 |
| *6 Spejjeż ta' missjoni* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | =6*10 | 30 | 60 | 60 | 150 |
| *6 Taħriġ* | =6*1 | 3 | 6 | 6 | 15 |
| Total Titolu 1: Nefqa tal-persunal | | 484.48 | 816.57 | 816.57 | 2079.53 |
| li minnhom kontribuzzjoni tal-Komunità (40 %) | | 193.79 | 326.63 | 326.63 | 847.05 |
| Li minnhom kontribuzzjoni tal-Istati Membri (60 %) | | 290.68 | 489.94 | 489.94 | 1270.56 |

It-tabella li ġejja tippreżenta l-pjan propost ta' stabbiliment għat-tliet pożizzjonijiet ta' aġent temporanju:

| Grupp tal-Funzjoni u Grad | Posts temporanji |
|---|---|
| AD16 | |
| AD15 | |
| AD14 | |
| AD13 | |
| AD12 | |
| AD11 | |
| AD10 | |
| AD9 | 1 |
| AD8 | |
| AD7 | 2 |
| AD6 | |
| AD5 | |
| Total AD | 3 |